



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0409/2023**

6.12.2023

**\*\*\*I**

## **RAPPORT**

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE (COM(2022)0729 – C9-0428/2022 – 2022/0424(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Jan-Christoph Oetjen

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	71
ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	73
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU .....	74
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	94
PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	95
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	96



## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE (COM(2022)0729 – C9-0428/2022 – 2022/0424 (COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2022)0729),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 77(2), il-punti (b) u (d) u l-Artikolu 79(2), il-punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0428/2022),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' April 2023<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat għat-Trasport u t-Turiżmu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0409/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### Emenda 1

---

<sup>1</sup> Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

## Proposta għal regolament Premessa 1

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(1) It-twettiq ta' ċekkjar ta' persuni fil-fruntieri esterni jikkontribwixxi b' mod sinifikanti għall-garanzija tas-sigurtà fit-tul tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħha u, bħala tali, jibqa' salvagwardja importanti, speċjalment fiż-żona mingħajr kontroll fuq il-fruntieri interni ("iż-żona Schengen"). **Kontrolli effiċjenti u effettivi** fuq il-fruntieri **esterni, imwettqin f'konformità**, b' mod partikolari, **mar-Regolament** (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>32</sup> meta applikabbli, jgħinu fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u jipprevjenu theddid għas-sigurtà interna tal-Istati Membri, għall-ordni pubbliku, għas-saħħa pubblika u għar-relazzjonijiet internazzjonali.

---

<sup>32</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (**il-Kodiċi** tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Premessa 2

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) L-użu tad-data **tal-vjaġġaturi** u tal-informazzjoni dwar it-titjiriet ittrasferiti qabel il-wasla **tal-vjaġġaturi**, magħrufa

### *Emenda*

(1) It-twettiq ta' ċekkjar ta' persuni fil-fruntieri esterni jikkontribwixxi b' mod sinifikanti għall-garanzija tas-sigurtà fit-tul tal-Unjoni, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħha u, bħala tali, jibqa' salvagwardja importanti, speċjalment fiż-żona mingħajr kontroll fuq il-fruntieri interni ("iż-żona Schengen"). **Il-kontrolli** fuq il-fruntieri **jenħtieġ li jitwettqu skont**, b' mod partikolari, **ir-Regolament** (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>32</sup> meta applikabbli, **sabiex** jgħinu fil-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u jipprevjenu theddid għas-sigurtà interna tal-Istati Membri, għall-ordni pubbliku, għas-saħħa pubblika u għar-relazzjonijiet internazzjonali. **Tali verifiki fil-fruntieri jenħtieġ li jitwettqu b'tali mod li jirrispettaw bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem u f'konformità sħiħa mad-dritt rilevanti tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta")**.

---

<sup>32</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (**Kodiċi** tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

### *Emenda*

(2) L-użu tad-data **tal-passiġġieri** u tal-informazzjoni dwar it-titjiriet ittrasferiti qabel il-wasla **tal-passiġġieri**, magħrufa

bħala data tal-informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (“API”), jikkontribwixxi sabiex jitħaffef il-proċess tat-twettiq tal-iċċekkjar meħtieġ matul il-proċess tal-qsim tal-fruntieri. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, dak il-proċess jikkonċerna, b’mod aktar speċifiku, il-qsim tal-fruntieri bejn pajjiż terz jew Stat Membru li ma jkunx qiegħed jipparteċipa f’dan ir-Regolament, ***minn naħa waħda***, u Stat Membru li jkun qiegħed jipparteċipa f’dan ir-Regolament, ***min-naħa l-oħra***. Dan l-użu jsaħħaħ l-iċċekkjar f’dawk il-fruntieri esterni billi jipprovdi biżżejjed żmien sabiex ikunu jistgħu jitwettqu kontrolli dettaljati u komprensivi fuq ***il-vjaġġaturi*** kollha, mingħajr ma jkollu effett negattiv sproporzjonat fuq il-persuni li jivvjaġġaw bona fide. Għalhekk, fl-interess tal-effettività u tal-effiċjenza tal-iċċekkjar fil-fruntieri esterni, jenħtieġ li jiġi previst qafas legali xieraq sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti ***tal-fruntieri*** tal-Istati Membri f’tali punti ta’ qsim tal-fruntieri esterni jkollhom aċċess għad-data tal-API qabel il-wasla ***tal-vjaġġaturi***.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Il-qafas legali eżistenti dwar id-data tal-API, li jikkonsisti ***fid-Direttiva*** tal-Kunsill 2004/82/KE<sup>33</sup> u l-liġi nazzjonali li tittrasponi dik id-Direttiva, ***uriet*** li ***hija*** importanti fit-titjib ***tal-kontrolli*** fuq il-fruntieri, b’mod partikolari billi ***tistabbilixxi*** qafas għall-Istati Membri sabiex jintroduċu dispożizzjonijiet għall-istabbiliment ta’ obbligi fuq l-operaturi tal-ajru sabiex jittrasferixxu d-data tal-API dwar il-passiġġieri ttrasportati fit-territorju tagħhom. Madankollu, ***id-diverġenzi għadhom*** fil-livell nazzjonali. B’mod partikolari, id-data tal-API ***ma hijiex***

bħala data tal-informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (“API”), jikkontribwixxi sabiex jitħaffef il-proċess tat-twettiq tal-iċċekkjar meħtieġ matul il-proċess tal-qsim tal-fruntieri. Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, dak il-proċess jikkonċerna, b’mod aktar speċifiku, il-qsim tal-fruntieri bejn pajjiż terz jew Stat Membru li ma jkunx qiegħed jipparteċipa f’dan ir-Regolament u, Stat Membru li jkun qiegħed jipparteċipa f’dan ir-Regolament. Dan l-użu jsaħħaħ l-iċċekkjar f’dawk il-fruntieri esterni billi jipprovdi biżżejjed żmien sabiex ikunu jistgħu jitwettqu kontrolli dettaljati u komprensivi fuq ***il-passiġġieri*** kollha, mingħajr ma jkollu effett negattiv sproporzjonat fuq il-persuni li jivvjaġġaw bona fide. Għalhekk, fl-interess tal-effettività u tal-effiċjenza tal-iċċekkjar fil-fruntieri esterni, jenħtieġ li jiġi previst qafas legali xieraq sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti ***tal-fruntiera*** tal-Istati Membri f’tali punti ta’ qsim tal-fruntieri esterni jkollhom aċċess għad-data tal-API qabel il-wasla ***tal-passiġġieri***.

##### *Emenda*

(3) Il-qafas legali eżistenti dwar id-data tal-API, li jikkonsisti ***mid-Direttiva*** tal-Kunsill 2004/82/KE<sup>33</sup> u l-liġi nazzjonali li tittrasponi dik id-Direttiva, ***wera*** li ***huwa*** importanti fit-titjib ***tal-verifiki*** fuq il-fruntieri, b’mod partikolari billi ***jistabbilixxi*** qafas għall-Istati Membri sabiex jintroduċu dispożizzjonijiet għall-istabbiliment ta’ obbligi fuq l-operaturi tal-ajru sabiex jittrasferixxu d-data tal-API dwar il-passiġġieri ttrasportati fit-territorju tagħhom. Madankollu, ***għad hemm diverġenzi*** fil-livell nazzjonali. B’mod partikolari, id-data tal-API ***mhijiex*** mitluba

mitluba sistematikament mill-operaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajru jiffaċċjaw rekwiżiti differenti rigward it-tip ta' informazzjoni li **għandha** tinġabar u l-kundizzjonijiet li **fihom** id-data tal-API jeħtieġ li tiġi ttrasferita lill-awtoritajiet kompetenti **tal-fruntieri**. Dawk id-diverġenzi jwasslu mhux biss għal kostijiet u għal kumplikazzjonijiet bla bżonn għall-operaturi tal-ajru, iżda huma wkoll ta' preġudizzju għall-iżgurar ta' ċekkjar minn qabel effettiv u effiċjenti ta' persuni li jaslu fil-fruntieri esterni.

---

<sup>33</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24).

#### Emenda 4

##### Proposta għal regolament Premessa 5

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti **fil-livell internazzjonali** kemm jista' jkun u fid-dawl tar-regoli dwar il-ġbir tad-data tal-API applikabbli f'dak il-livell, jenħtieġ li l-qafas legali aġġornat stabbilit minn dan ir-Regolament iqis il-prattiki rilevanti miftehmin internazzjonalment mal-industrija tal-ajru **u** fil-kuntest tal-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Avjazzjoni u tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali dwar l-Informazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri.

#### Emenda 5

sistematikament mill-operaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajru jiffaċċjaw rekwiżiti differenti rigward it-tip ta' informazzjoni li **jenħtieġ li** tinġabar u l-kundizzjonijiet li **skonthom** id-data tal-API jeħtieġ li tiġi ttrasferita lill-awtoritajiet kompetenti **tal-fruntiera**. Dawk id-diverġenzi jwasslu mhux biss għal kostijiet u għal kumplikazzjonijiet bla bżonn għall-operaturi tal-ajru, iżda huma wkoll ta' preġudizzju għall-iżgurar ta' ċekkjar minn qabel effettiv u effiċjenti ta' persuni li jaslu fil-fruntieri esterni.

---

<sup>33</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE tad-29 ta' April 2004 dwar l-obbligu ta' trasportaturi li jikkomunikaw data dwar il-passiġġieri (ĠU L 261, 6.8.2004, p. 24).

###### *Emenda*

(5) Sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti kemm jista' jkun, **kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak internazzjonali**, u fid-dawl tar-regoli dwar il-ġbir tad-data tal-API applikabbli f'dak il-livell, jenħtieġ li l-qafas legali aġġornat stabbilit minn dan ir-Regolament iqis il-prattiki rilevanti miftehmin internazzjonalment mal-industrija tal-ajru, **speċifikament** fil-kuntest tal-Linji Gwida tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali, tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Avjazzjoni u tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (**ICAO**) dwar l-Informazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri.



## Proposta għal regolament

### Premessa 6

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API jaffettwaw il-privatezza tal-individwi u jinvolvu l-ipproċessar **ta' data** personali. Sabiex jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mal-Karta **tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("Karta")**, jenħtieġ li jiġu previsti limiti u salvagwardji adegwati. B'mod partikolari, kwalunkwe pproċessar tad-data tal-API u, b'mod partikolari, tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, jenħtieġ li jibqa' limitat għal dak li huwa neċessarju u proporzjonat sabiex jintlaħqu l-oġettivi segwiti minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li **l-API** miġbura u ttrasferita skont dan ir-Regolament ma twassalx għal xi forma ta' diskriminazzjoni prekluziva mill-Karta.

### Emenda 6

## Proposta għal regolament

### Premessa 7

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(7) Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tiegħu, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-operaturi kollha li jwettqu titjiriet fl-Unjoni, kif definiti f'dan ir-Regolament, li jkopru kemm titjiriet skedati kif ukoll dawk mhux skedati, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tal-operaturi tal-ajru li jwettqu dawk it-titjiriet.

#### *Emenda*

(6) Il-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API jaffettwaw il-privatezza tal-individwi u jinvolvu l-ipproċessar **tad-data** personali **tagħhom**. Sabiex jiġu rrispettati bis-sħiħ id-drittijiet fundamentali **tagħhom**, b'mod partikolari d-dritt ta' rispett għall-ħajja privata u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, f'konformità mal-Karta, jenħtieġ li jiġu previsti limiti u salvagwardji adegwati. B'mod partikolari, kwalunkwe pproċessar tad-data tal-API u, b'mod partikolari, tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, jenħtieġ li jibqa' limitat **strettament** għal dak li huwa neċessarju u proporzjonat sabiex jintlaħqu l-oġettivi segwiti minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li **l-ipproċessar ta' kwalunkwe data tal-API** miġbura u ttrasferita skont dan ir-Regolament ma twassalx għal xi forma ta' diskriminazzjoni prekluziva mill-Karta.

#### *Emenda*

(7) Sabiex jintlaħqu l-oġettivi tiegħu, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika għall-operaturi **tal-ajru kummerċjali** kollha li jwettqu titjiriet fl-Unjoni, kif definiti f'dan ir-Regolament, li jkopru kemm titjiriet skedati kif ukoll dawk mhux skedati, irrispettivament mill-post tal-istabbiliment tal-operaturi tal-ajru li jwettqu dawk it-titjiriet. **F'konformità mal-klassifikazzjonijiet rilevanti tal-ICAO, l-avjazzjoni ġenerali bħall-iskejjel tal-avjazzjoni, it-titjiriet militari jew dawk mediċi, jenħtieġ li tkun eżentata minn dan**

## Emenda 7

### Proposta għal regolament

#### Premessa 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Fl-interess tal-effettività u taċ-  
ċertezza legali, il-punti ta' informazzjoni li  
flimkien jikkostitwixxu d-data tal-API li  
**għandha** tinġabar u sussegwentement tiġi  
ttrasferita skont dan ir-Regolament jenħtieġ  
li jiġu elenkati b'mod ċar u eżawrjenti,  
filwaqt li jiġu koperti kemm l-  
informazzjoni relatata ma' kull **vjaġġatur**  
kif ukoll l-informazzjoni dwar it-titjira **ta'**  
dak **il-vjaġġatur**. Jenħtieġ li **t-tali**  
informazzjoni dwar it-titjira tkopri  
informazzjoni dwar il-punt ta' qsim tal-  
fruntiera tad-dħul fit-territorju tal-Istat  
Membru kkonċernat fil-każijiet kollha  
koperti minn dan ir-Regolament, **iżda**  
**jenħtieġ li dik l-informazzjoni tinġabar**  
**biss meta applikabbli skont ir-Regolament**  
**(UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], jiġifieri**  
**mhux meta d-data tal-API tkun relatata**  
**ma' titjiriet intra-UE.**

## Emenda 8

### Proposta għal regolament

#### Premessa 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Sabiex tippermetti l-flessibbiltà u l-  
innovazzjoni, jenħtieġ li fil-prinċipju  
jitħalla f'idejn kull operatur tal-ajru li  
jiddetermina kif jissodisfa l-obbligi tiegħu  
fir-rigward tal-ġbir tad-data tal-API  
stabbiliti f'dan ir-Regolament. Madankollu,  
meta jitqies li jeżistu soluzzjonijiet  
teknoloġiċi xierqa li jippermettu l-ġbir ta'  
ċerta data tal-API b'mod awtomatiku

##### *Emenda*

(8) Fl-interess tal-effettività u taċ-  
ċertezza legali, il-punti ta' informazzjoni li  
flimkien jikkostitwixxu d-data tal-API li  
**jenħtieġ li** tinġabar u sussegwentement tiġi  
ttrasferita skont dan ir-Regolament jenħtieġ  
li jiġu elenkati b'mod ċar u eżawrjenti,  
filwaqt li jiġu koperti kemm l-  
informazzjoni relatata ma' kull **passiġġier**  
kif ukoll l-informazzjoni dwar it-titjira **li**  
**jkun ħa** dak **il-passiġġier**. Jenħtieġ li **tali**  
informazzjoni dwar it-titjira tkopri  
informazzjoni dwar il-punt ta' qsim tal-  
fruntiera tad-dħul fit-territorju tal-Istat  
Membru kkonċernat fil-każijiet kollha  
koperti minn dan ir-Regolament.

##### *Emenda*

(9) Sabiex tippermetti l-flessibbiltà u l-  
innovazzjoni, jenħtieġ li fil-prinċipju  
jitħalla f'idejn kull operatur tal-ajru li  
jiddetermina kif jissodisfa l-obbligi tiegħu  
fir-rigward tal-ġbir tad-data tal-API  
stabbiliti f'dan ir-Regolament. Madankollu,  
meta jitqies li jeżistu soluzzjonijiet  
teknoloġiċi xierqa li jippermettu l-ġbir ta'  
ċerta data tal-API b'mod awtomatiku

filwaqt li jiggarantixxu li d-data tal-API kkonċernata tkun akkurata, kompluta u aġġornata, u wara li jitqiesu l-vantaġġi tal-użu ta' teknoloġija bħal din f'termini ta' effettività u ta' effiċjenza, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jkunu meħtieġa jiġbru **dik id-data** tal-API bl-użu ta' mezzi awtomatizzati, billi jaqraw informazzjoni mid-data li tinqara minn magna tad-dokument tal-ivvjaġġar.

filwaqt li jiggarantixxu li d-data tal-API kkonċernata tkun akkurata, kompluta u aġġornata, u wara li jitqiesu l-vantaġġi tal-użu ta' teknoloġija bħal din f'termini ta' effettività u ta' effiċjenza, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jkunu meħtieġa jiġbru **d-data** tal-API bl-użu ta' mezzi awtomatizzati, **speċifikament** billi jaqraw informazzjoni mid-data li tinqara minn magna tad-dokument tal-ivvjaġġar. **Madankollu, meta l-użu ta' tali mezzi awtomatizzati ma jkunx possibbli, l-operaturi tal-ajru jenħtieġ li jiġbru d-data tal-API manwalment, jew bħala parti mill-proċess taċ-check-in online, jew bħala parti miċ-check-in fl-ajruport, b'tali mod li jiżguraw il-konformità mal-obbligi tagħhom skont dan ir-Regolament.**

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9a) Il-ġbir tad-data tal-API b'mod awtomatizzat jenħtieġ li jkun limitat għad-data alfanumerika li tkun tinsab fid-dokument tal-ivvjaġġar u jenħtieġ li ma jwassalx għall-ġbir ta' kwalunkwe data bijometrika minnu.**

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 9b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(9b) Ir-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament u mill-atti delegati u ta' implimentazzjoni korrispondenti jenħtieġ li jwasslu għal implimentazzjoni uniformi mil-linji tal-ajru, u b'hekk jimminimizzaw il-kost tal-interkonnessjoni tas-sistemi**

*rispettivi tagħhom. Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni armonizzata ta' dawk ir-rekwiżiti mil-linji tal-ajru, b'mod partikolari fir-rigward tal-istruttura, il-format u l-protokoll tat-trażmissjoni tad-data, jenħtieġ li l-Kummissjoni, abbażi tal-kooperazzjoni tagħha mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera, mal-awtoritajiet tal-Istati Membri l-oħra, mal-operaturi tal-ajru, u mal-aġenziji rilevanti tal-Unjoni, tiżgura li l-manwal Prattiku jipprovdi l-gwida u l-kjarifiki kollha meħtieġa.*

## **Emenda 11**

### **Proposta għal regolament Premessa 9c (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9c) Sabiex tittejjeb il-kwalità tad-data, ir-router jenħtieġ li jivverifika jekk id-data tal-API ttrasferita lil mill-operaturi tal-ajru tikkonformax mal-formati tad-data appoġġati. Meta r-router ikun ivverifika li d-data mhijiex konformi mal-formati tad-data appoġġati, ir-router jenħtieġ li, minnufih u b'mod awtomatizzat, jinnotifika lill-operatur tal-ajru kkonċernat.*

## **Emenda 12**

### **Proposta għal regolament Premessa 9d (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9d) Is-sistemi ta' ġbir awtomatiku tad-data u proċessi oħra stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkollhomx impatt negattiv fuq l-impjegati fl-industrija tal-avjazzjoni, li jenħtieġ li jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet li jżidu l-effiċjenza*

*u l-affidabbiltà tal-ġbir u t-trasferiment tad-data kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur.*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Premessa 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10) **Mezzi awtomatizzati jippermettu lill-vjaġġaturi jipprovdu** ċerta data tal-API **huma** stess matul proċess ta' check-in online. Dawn il-mezzi jistgħu, pereżempju, jinkludu applikazzjoni sigura fuq smartphone, kompjuter jew webcam **tal-vjaġġaturi** bil-kapaċità li jaqraw id-data li tinqara minn magna tad-dokument tal-ivvjaġġar. Meta **l-vjaġġaturi** ma jkunux għamli ċ-check-in online, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru **fil-prattika** jipprovduhom il-possibbiltà li jipprovdu d-data tal-API li tinqara minn magna kkonċernata matul iċ-check-in fl-ajruport bl-assistenza ta' kiosk self-service jew ta' persunal mal-bank tal-linji tal-ajru.

*Emenda*

(10) **Jenħtieġ li l-passiġġier ikun jista' jipprovdi** ċerta data tal-API **huwa** stess matul proċess ta' check-in online, **f'konformità mal-Artikolu 5.** Dawn il-mezzi jistgħu, pereżempju, jinkludu applikazzjoni sigura fuq smartphone, kompjuter jew webcam **tal-passiġġieri** bil-kapaċità li jaqraw id-data li tinqara minn magna tad-dokument tal-ivvjaġġar. Meta **l-passiġġieri** ma jkunux għamli ċ-check-in online, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jipprovduhom il-possibbiltà li jipprovdu d-data **meħtieġa** tal-API li tinqara minn magna kkonċernata matul iċ-check-in fl-ajruport bl-assistenza ta' kiosk self-service jew ta' persunal mal-bank tal-linji tal-ajru. **Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-obbligi skont dan ir-Regolament ma jwasslux għal ostakli sproporzjonati għall-passiġġieri li ma jkunux jistgħu jużaw mezzi online għal check-in awtomatizzat, bħal tariffi addizzjonali għaċ-check-in fl-ajruport.**

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 10a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

(10a) **Bil-ħsieb li jiġi ggarantit l-issodisfar tad-drittijiet previsti skont il-Karta u li jiġu żgurati għażliet tal-ivvjaġġar aċċessibbli u inklużivi,**

*Emenda*

*speċjalment għall-gruppi vulnerabbli u l-persuni b'diżabbiltà, l-operaturi tal-ajru, bl-appoġġ tal-Istati Membri, jenħtieġ li jiżguraw li tkun possibbli f'kull ħin alternattiva offline għaċ-check-in u għall-forniment tad-data meħtieġa mill-passiġġieri.*

## Emenda 15

### Proposta għal regolament

#### Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta rekwiżiti tekniċi u regoli proċedurali li l-operaturi tal-ajru **għandhom** jikkonformaw magħhom **b'rabta mal-użu** ta' mezzi awtomatizzati għall-ġbir ta' data tal-API li tinqara minn magna skont dan ir-Regolament, sabiex jiżiedu ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali u jingħata kontribut għall-iżgurar tal-kwalità tad-data u għall-użu responsabbli tal-mezzi awtomatizzati.

##### *Emenda*

(11) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta rekwiżiti tekniċi u regoli proċedurali li l-operaturi tal-ajru **jenħtieġ li** jikkonformaw magħhom **fir-rigward tal-użu** ta' mezzi awtomatizzati għall-ġbir ta' data tal-API li tinqara minn magna skont dan ir-Regolament, sabiex jiżiedu ċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali u jingħata kontribut għall-iżgurar tal-kwalità tad-data u għall-użu responsabbli tal-mezzi awtomatizzati.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament

#### Premessa 13

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(13) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-iċċekkjar minn qabel imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti **tal-fruntieri** jkunu effettivi u effiċjenti, jenħtieġ li d-data tal-API ttrasferita lil dawk l-awtoritajiet ikun fiha data **tal-vjaġġaturi** li effettivament ikunu se jaqsmu l-fruntieri esterni, jiġifieri ta' **vjaġġaturi** li jkunu effettivament abbord l-inġenju tal-ajru. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jittrasferixxu d-data tal-API direttament wara l-għeluq tat-titjira. Barra minn hekk, id-data tal-API tgħin lill-

##### *Emenda*

(13) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-iċċekkjar minn qabel imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti **tal-fruntiera** jkunu effettivi u effiċjenti, jenħtieġ li d-data tal-API ttrasferita lil dawk l-awtoritajiet ikun fiha data **tal-passiġġieri** li effettivament ikunu se jaqsmu l-fruntieri esterni, jiġifieri, ta' **passiġġieri** li jkunu effettivament abbord l-inġenju tal-ajru. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jittrasferixxu d-data tal-API direttament wara l-għeluq tat-titjira. Barra minn hekk, id-data tal-API tgħin lill-

awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jiddistingwu *lill-vjaġġaturi* leġittimi *mill-vjaġġaturi* li jistgħu jkunu ta' interess u, għalhekk, jistgħu jkunu jeħtieġu verifiki addizzjonali, li jkunu jeħtieġu aktar koordinazzjoni u tħejjija ta' miżuri ta' segwitu li jittieħdu mal-wasla. Dan jista' jseħħ, pereżempju, f'każijiet ta' numru mhux mistenni ta' *vjaġġaturi* ta' interess li l-iċċekkjar fiżiku tagħhom fil-fruntieri jkun jista' jaffettwa b'mod negattiv *l-iċċekkjar* fil-fruntieri u l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri ta' *vjaġġaturi* leġittimi oħrajn. Li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jiġu pprovduti b'opportunità li jħejju miżuri adegwati u proporzjonati fil-fruntiera, bħar-rinforz jew ir-riorganizzazzjoni temporanja tal-persunal, b'mod partikolari għal titjiriet *li fihom* il-ħin bejn l-għeluq tat-titjira u l-wasla fil-fruntieri esterni ma jkunx biżżejjed sabiex jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jħejju l-aktar rispons xieraq, jenħtieġ li d-data tal-API tiġi trażmessa wkoll qabel l-imbark, fil-mument taċ-check-in ta' kull *vjaġġatur*.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 15

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' użu ħażin u f'konformità mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-fruntieri jiġu preklużi b'mod espliċitu milli jipproċessaw id-data tal-API li jirċievu skont dan ir-Regolament għal kwalunkwe għan ieħor għajr *it-tisħiħ u l-faċilitazzjoni tal-effettività u tal-effiċjenza tal-iċċekkjar fil-fruntieri esterni u l-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali*.

## Emenda 18

awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jiddistingwu *bejn passiġġieri* leġittimi *u passiġġieri* li jistgħu jkunu ta' interess u, għalhekk, jistgħu jkunu jeħtieġu verifiki addizzjonali, li jkunu jeħtieġu aktar koordinazzjoni u tħejjija ta' miżuri ta' segwitu li jittieħdu mal-wasla. Dan jista' jseħħ, pereżempju, f'każijiet ta' numru mhux mistenni ta' *passiġġieri* ta' interess li l-iċċekkjar fiżiku tagħhom fil-fruntieri jkun jista' jaffettwa b'mod negattiv *il-verifiki* fil-fruntieri u l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri ta' *passiġġieri* leġittimi oħrajn. Li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jiġu pprovduti b'opportunità li jħejju miżuri adegwati u proporzjonati fil-fruntiera, bħar-rinforz jew ir-riorganizzazzjoni temporanja tal-persunal, b'mod partikolari għal titjiriet *fejn* il-ħin bejn l-għeluq tat-titjira u l-wasla fil-fruntieri esterni ma jkunx biżżejjed sabiex jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jħejju l-aktar rispons xieraq, jenħtieġ li d-data tal-API tiġi trażmessa wkoll qabel l-imbark, fil-mument taċ-check-in ta' kull *passiġġier*.

#### *Emenda*

(15) Sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju ta' użu ħażin u f'konformità mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti fil-fruntieri jiġu preklużi b'mod espliċitu milli jipproċessaw id-data tal-API li jirċievu skont dan ir-Regolament għal kwalunkwe għan ieħor għajr *dawk previsti b'mod espliċitu f'dan ir-Regolament*.

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 16**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jkollhom biżżejjed żmien sabiex iwettqu l-iċċekkjar minn qabel b'mod effettiv fuq ***il-vjaġġaturi*** kollha, inklużi ***l-vjaġġaturi*** fuq titjiriet fit-tul u dawk li jivvjaġġaw fuq titjiriet konnessi, kif ukoll biżżejjed żmien sabiex jiżguraw li d-data tal-API miġbura u ttrasferita mill-operaturi tal-ajru tkun kompluta, ***preċiża*** u aġġornata, u meta neċessarju sabiex jitolbu kjarifiki, korrezzjonijiet jew ikkompletar addizzjonali mill-operaturi tal-ajru, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jaħżnu d-data tal-API li jirċievu skont dan ir-Regolament għal perjodu ta' żmien fiss li jibqa' limitat għal dak li jkun strettament neċessarju għal dawk l-għanijiet. Bl-istess mod, sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għal talbiet bħal dawn, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jaħżnu d-data tal-API li jkunu ttrasferew skont dan ir-Regolament għall-istess perjodu ta' żmien fiss u strettament neċessarju.

*Emenda*

(16) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jkollhom biżżejjed żmien sabiex iwettqu l-iċċekkjar minn qabel b'mod effettiv fuq ***il-passiġġieri*** kollha, inklużi ***l-passiġġieri*** fuq titjiriet fit-tul u dawk li jivvjaġġaw fuq titjiriet konnessi, kif ukoll biżżejjed żmien sabiex jiżguraw li d-data tal-API miġbura u ttrasferita mill-operaturi tal-ajru tkun kompluta, ***akkurata*** u aġġornata, u meta neċessarju sabiex jitolbu kjarifiki, korrezzjonijiet jew ikkompletar addizzjonali mill-operaturi tal-ajru, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jaħżnu d-data tal-API li jirċievu skont dan ir-Regolament għal perjodu ta' żmien fiss li jibqa' limitat għal dak li jkun strettament neċessarju għal dawk l-għanijiet. Bl-istess mod, sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għal talbiet bħal dawn, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jaħżnu d-data tal-API li jkunu ttrasferew skont dan ir-Regolament għall-istess perjodu ta' żmien fiss u strettament neċessarju. ***Lil hinn minn dan, u bil-ħsieb li tittejjeb l-esperjenza tal-ivvjaġġar tal-passiġġieri leġittimi, l-operaturi tal-ajru jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu u jużaw id-data tal-API meta meħtieġ għall-funzjonament regolari tan-negozju tagħhom b'mod partikolari biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar, f'konformità mal-liġi applikabbli u b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679.***

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(17) Sabiex jiġi evitat li l-operaturi tal-  
PE750.252v02-00

*Emenda*

(17) Sabiex jiġi evitat li l-operaturi tal-



ajru jkollhom jistabbilixxu u jżommu konnessjonijiet multipli mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tal-Istati Membri għat-trasferiment tad-data tal-API miġbura skont dan ir-Regolament u l-inefficijenzi u r-riskji għas-sigurtà relatati, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal router wieħed, maħluq u mħaddem fil-livell tal-Unjoni, li jservi bħala punt ta' konnessjoni u ta' distribuzzjoni għal dawk it-trasferimenti. Fl-interess tal-efficijenza u tal-kosteffettività, jenħtieġ li r-router, sa fejn ikun teknikament possibbli u b'rispett sħiħ tar-regoli ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], jiddependi fuq komponenti tekniċi minn sistemi rilevanti oħrajn maħluqin skont id-dritt tal-Unjoni.

ajru jkollhom jistabbilixxu u jżommu konnessjonijiet multipli mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tal-Istati Membri għat-trasferiment tad-data tal-API miġbura skont dan ir-Regolament u l-inefficijenzi u r-riskji għas-sigurtà relatati, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal router wieħed, maħluq u mħaddem fil-livell tal-Unjoni, li jservi bħala punt ta' konnessjoni u ta' distribuzzjoni għal dawk it-trasferimenti. Fl-interess tal-efficijenza u tal-kosteffettività, jenħtieġ li r-router, sa fejn ikun teknikament possibbli u b'rispett sħiħ tar-regoli ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], jiddependi fuq komponenti tekniċi minn sistemi rilevanti oħrajn maħluqin skont id-dritt tal-Unjoni, ***b'mod partikolari s-servizz web imsemmi fir-Regolament (UE) 2017/2226, il-portal tat-trasportaturi msemmi fir-Regolament (UE) 2018/1240 u l-portal tat-trasportaturi msemmi fir-Regolament (KE) 767/2008. Sabiex jiġnaqqas l-impatt fuq l-operaturi tal-ajru u jiġi żgurat approċċ armonizzat lejn l-operaturi tal-ajru, jenħtieġ li l-eu-LISA tiddisinja r-router, sa fejn ikun possibbli mil-lat tekniku u operazzjonali, b'mod li jkun koerenti u konsistenti mal-obbligi imposti fuq l-operaturi tal-ajru mir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008.***

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(17a) Sabiex jiġi previst l-istess livell ta' ċarezza u ċertezza, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet relatati mar-router, mas-sigurtà u mal-kompiti ta' appoġġ mill-eu-LISA jiġu riflessi f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], peress li l-eu-LISA jenħtieġ li***

*tibni u żżomm router wieħed biss għall-finijiet taż-żewġ Regolamenti.*

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Premessa 19

*Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Jenħtieġ li r-router iservi biss sabiex jiffaċilita t-trażmissjoni tad-data tal-API mill-operaturi tal-ajru lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera f'konformità ma' dan ir-Regolament **u lill-PIUs f'konformità mar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]**, u jenħtieġ li ma jkunx repożitorju tad-data tal-API. Għalhekk, u sabiex jiġi mminimizzat kwalunkwe riskju ta' aċċess mhux awtorizzat jew ta' użu ħażin ieħor u f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, jenħtieġ li **kwalunkwe** ħżin tad-data tal-API **fuq ir-router jibqa' limitat għal dak li jkun** strettament neċessarju għal finijiet tekniċi relatati mat-trażmissjoni u jenħtieġ li d-data tal-API titħassar mir-router, **immedjatament**, b'mod permanenti u awtomatizzat, mill-mument li t-trażmissjoni tkun tlestiet **jew, meta rilevanti skont ir-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], id-data tal-API ma għandhiex tiġi trażmessa affattu.**

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Premessa 20

*Test propost mill-Kummissjoni*

(20) Bil-għan li jiġi żgurati il-funzjonament xieraq tat-trażmissjoni tad-data tal-API mir-router, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li

*Emenda*

(19) Jenħtieġ li r-router iservi biss sabiex jiffaċilita t-trażmissjoni tad-data tal-API mill-operaturi tal-ajru lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera f'konformità ma' dan ir-Regolament, u jenħtieġ li ma jkunx repożitorju tad-data tal-API. Għalhekk, u sabiex jiġi mminimizzat kwalunkwe riskju ta' aċċess mhux awtorizzat jew ta' użu ħażin ieħor u f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, jenħtieġ li **ma jsir l-ebda** ħżin tad-data tal-API **diment li dan ma jkunx** strettament neċessarju għal finijiet tekniċi relatati mat-trażmissjoni u jenħtieġ li d-data tal-API titħassar mir-router, **minnufih**, b'mod permanenti u awtomatizzat, mill-mument li t-trażmissjoni tkun tlestiet.

*Emenda*

(20) Bil-għan li jiġi żgurati il-funzjonament xieraq tat-trażmissjoni tad-data tal-API mir-router, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li

tistabbilixxi regoli tekniċi u proċedurali dettaljati dwar dik it-trażmissjoni. Jenħtieġ li daw k ir-regoli jkunu tali li jiżguraw li t-trażmissjoni tkun sigura, effettiva u rapida u li tħalli impatt fuq ***l-ivvjaġġar*** tal-passiġġieri u fuq l-operaturi tal-ajru mhux aktar minn kemm ikun neċessarju.

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) ***Jenħtieġ*** li ***r-router*** li ***għandu*** jinħoloq u jitħaddem skont dan ir-Regolament ***inaqqas*** u jissimplifika l-konnessjonijiet tekniċi meħtieġa għat-trasferiment tad-data tal-API, billi jillimitahom għal konnessjoni waħda għal kull operatur tal-ajru u għal kull awtorità kompetenti tal-fruntiera. Għalhekk, dan ir-Regolament jipprevedi l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u għall-operaturi tal-ajru li kull wieħed minnhom jistabbilixxi tali konnessjoni mar-router u jikseb l-integrazzjoni meħtieġa miegħu, sabiex jiġi żgurat li s-sistema għat-trasferiment tad-data tal-API stabbilita minn dan ir-Regolament tkun tista' tiffunzjona kif suppost. ***Sabiex daw k l-obbligi jsiru*** effettivi u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament ***xieraq*** tas-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu ***ssupplimentati b'regoli*** dettaljati.

tistabbilixxi regoli tekniċi u proċedurali dettaljati dwar dik it-trażmissjoni. Jenħtieġ li daw k ir-regoli jkunu tali li jiżguraw li t-trażmissjoni tkun sigura, effettiva u rapida u li tħalli impatt fuq ***id-drittijiet tal-ivvjaġġar*** tal-passiġġieri u fuq l-operaturi tal-ajru mhux aktar minn kemm ikun neċessarju.

#### *Emenda*

(22) ***Ir-router*** li ***jenħtieġ*** li jinħoloq u jitħaddem skont dan ir-Regolament ***u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API] jenħtieġ li jnaqqas*** u jissimplifika l-konnessjonijiet tekniċi meħtieġa għat-trasferiment tad-data tal-API, billi jillimitahom għal konnessjoni waħda għal kull operatur tal-ajru u għal kull awtorità kompetenti tal-fruntiera. Għalhekk, dan ir-Regolament jipprevedi l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u għall-operaturi tal-ajru li kull wieħed minnhom jistabbilixxi tali konnessjoni mar-router u jikseb l-integrazzjoni meħtieġa miegħu, sabiex jiġi żgurat li s-sistema għat-trasferiment tad-data tal-API stabbilita minn dan ir-Regolament tkun tista' tiffunzjona kif suppost. ***Id-disinn u l-iżvilupp tar-router mill-eu-LISA jenħtieġ li jippermettu l-konnessjoni u l-integrazzjoni*** effettivi u ***effiċjenti tas-sistemi u tal-infrastruttura tal-operaturi tal-ajru billi jipprevedu l-istandards u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti kollha***. Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament ***tajjeb*** tas-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu ***pprovduti regoli*** dettaljati. ***Meta tid-disinja u tiżviluppa r-router, jenħtieġ li l-eu-LISA tiżgura li d-data tal-API ttrasferita mill-operaturi tal-ajru u trażmessa lill-awtoritajiet kompetenti tal-***

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Premessa 23

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, jenħtieġ li l-kostijiet imġarrbin mill-eu-LISA għat-twettiq tal-kompiti **tagħha** skont dan ir-Regolament **u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]** fir-rigward tar-router jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-istess ikun japplika għall-kostijiet xierqa mġarrbin mill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjonijiet u tal-integrazzjoni tagħhom mar-router, kif meħtieġ skont dan ir-Regolament u f'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli, soġġetti għal ċerti eċċezzjonijiet. Jenħtieġ li l-kostijiet koperti minn dawk l-eċċezzjonijiet **jitħallsu** minn kull Stat Membru kkonċernat innifsu.

#### *Emenda*

(23) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, jenħtieġ li l-kostijiet imġarrbin **mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data** u mill-eu-LISA għat-twettiq tal-kompiti **tagħhom** skont dan ir-Regolament fir-rigward tar-router jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-istess ikun japplika għall-kostijiet xierqa mġarrbin mill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjonijiet u tal-integrazzjoni tagħhom mar-router **u l-kostijiet relatati mal-manutenzjoni ta' dawk il-konnessjonijiet**, kif meħtieġ skont dan ir-Regolament u f'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli, soġġetti għal ċerti eċċezzjonijiet. Jenħtieġ li l-kostijiet koperti minn dawk l-eċċezzjonijiet **jiġġarrbu** minn kull Stat Membru kkonċernat innifsu. **Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jkopri wkoll l-appoġġ, bħat-taħriġ, mill-eu-LISA lill-operaturi tal-ajru u lill-awtoritajiet tal-fruntiera biex jippermetti t-trasferiment u t-trażmissjoni effettivi tad-data tal-API permezz tar-router. Il-kostijiet imġarrba mill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali indipendenti fir-rigward tal-kompiti fdati lilhom skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġġarrbu mill-Istati Membri rispettivi wkoll.**

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Premessa 25

(25) Fl-interess li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-data personali, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidentifika l-kontrollur u l-proċessur u jistabbilixxi regoli dwar l-awditi. Fl-interess tal-monitoraġġ effettiv, l-iżgurar ta' protezzjoni adegwata tad-data personali u l-minimizzazzjoni tar-riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li jiġu previsti wkoll regoli dwar iż-żamma tar-reġistri, is-sigurtà tal-ipproċessar u l-awtomonitoraġġ. Meta jkunu relatati mal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li daww id-dispożizzjonijiet jinftiehm bħala li jikkomplementaw l-atti applikabbli b'mod ġenerali tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup> u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>35</sup>. Jenħtieġ li daww l-atti, li japplikaw ukoll għall-ipproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu, ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

(25) Fl-interess li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt fundamentali **tal-passiġġieri** għall-protezzjoni tad-data personali **tagħhom**, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidentifika l-kontrollur u l-proċessur u jistabbilixxi regoli dwar l-awditi. Fl-interess tal-monitoraġġ effettiv, l-iżgurar ta' protezzjoni adegwata tad-data personali u l-minimizzazzjoni tar-riskji għas-sigurtà, jenħtieġ li jiġu previsti wkoll regoli dwar iż-żamma tar-reġistri, is-sigurtà tal-ipproċessar u l-awtomonitoraġġ. Meta jkunu relatati mal-ipproċessar ta' data personali, jenħtieġ li daww id-dispożizzjonijiet jinftiehm bħala li jikkomplementaw l-atti applikabbli b'mod ġenerali tad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>34</sup> u r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>35</sup>. Jenħtieġ li daww l-atti, li japplikaw ukoll għall-ipproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament f'konformità mad-dispożizzjonijiet tiegħu, ma jiġux affettwati minn dan ir-Regolament.

---

<sup>34</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>35</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295,

---

<sup>34</sup> Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

<sup>35</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295,

21.11.2018, p. 39).

21.11.2018, p. 39).

## **Emenda 26**

### **Proposta għal regolament Premessa 25a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(25a) Filwaqt li jqisu d-dritt tal-passiġġieri li jiġu infurmati dwar l-ipproċessar tad-data personali tagħhom, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-passiġġieri jiġu pprovduti b'informazzjoni akkurata dwar il-ġbir tad-data tal-API, it-trasferiment ta' dik id-data lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u d-drittijiet tagħhom bħala suġġetti tad-data li tkun faċilment aċċessibbli u faċli biex tinftiehem, fil-mument tal-prenotazzjoni u fil-mument taċ-check-in.**

## **Emenda 27**

### **Proposta għal regolament Premessa 28a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(28a) Meta jipprevedu l-penali applikabbli għall-operaturi tal-ajru skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu jekk huwiex fattibbli mill-lat tekniku, operazzjonali u ekonomiku li jiżguraw l-akkuratezza kompluta tad-data. Barra minn hekk, meta jiġu imposti penali, l-applikazzjoni u l-valur tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti billi jitqiesu l-azzjonijiet meħuda mill-operatur tal-ajru biex jimmitiga l-kwistjoni kif ukoll il-livell ta' kooperazzjoni tiegħu mal-awtoritajiet nazzjonali.**

## **Emenda 28**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 30**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Peress li jenħtieġ li r-router jiġi ddisinjat, żviluppat, ospitat u teknikament ġestit mill-eu-LISA, stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>36</sup>, huwa neċessarju li dak ir-Regolament jiġi emendat billi jiżdied dak il-kompitu mal-kompiti tal-eu-LISA. Sabiex jinżammu r-rapporti u ***I-istatistiki*** tar-router dwar ir-Repożitorju ***Komuni*** għar-Rapportar u għall-Istatistika, huwa neċessarju li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup>.

---

<sup>36</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE)

*Emenda*

(30) Peress li jenħtieġ li r-router jiġi ddisinjat, żviluppat, ospitat u teknikament ġestit mill-eu-LISA, stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>36</sup>, huwa neċessarju li dak ir-Regolament jiġi emendat billi jiżdied dak il-kompitu mal-kompiti tal-eu-LISA. Sabiex jinżammu r-rapporti u ***I-istatistika*** tar-router dwar ir-Repożitorju ***Ċentrali*** għar-Rapportar u għall-Istatistika, huwa neċessarju li jiġi emendat ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>37</sup>. ***Ir-Repożitorju Ċentrali għar-Rapportar u għall-Istatistika jenħtieġ li jipprovdi biss statistika bbażata fuq id-data tal-API għall-implimentazzjoni u għas-superviżjoni effettivi ta' dan ir-Regolament. Id-data li r-router jittrażmetti awtomatikament lir-Repożitorju Komuni għar-Rapportar u għall-Istatistika għal dak l-għan jenħtieġ li ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-passiġġieri kkonċernati.***

---

<sup>36</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1726 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA), u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 99).

<sup>37</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar l-istabbiliment ta' qafas għall-interoperabbiltà bejn is-sistemi ta' informazzjoni tal-UE fil-qasam tal-fruntieri u viża u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008, (UE) 2016/399, (UE)

2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

2017/2226, (UE) 2018/1240, (UE) 2018/1726 u (UE) 2018/1861 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2004/512/KE u 2008/633/ĠAI (ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27).

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Premessa 31

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(31) Sabiex jiġu adottati miżuri relatati mar-rekwiżiti tekniċi u mar-regoli operazzjonali għall-mezzi awtomatizzati għall-ġbir ta' data tal-API li tinqara minn magna, mal-protokollu u mal-formati komuni li **għandhom** jintużaw għat-trasferiment tad-data tal-API mill-operaturi tal-ajru, mar-regoli tekniċi u proċedurali għat-trażmissjoni tad-data tal-API mir-router lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u lill-PIUs u mal-konnessjonijiet u mal-integrazzjoni tal-PIUs u tal-operaturi tal-ajru mar-router, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikoli 5, 6, 11, 20 u 21 rispettivament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>38</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

#### *Emenda*

(31) Sabiex jiġu adottati miżuri relatati mar-rekwiżiti tekniċi u mar-regoli operazzjonali għall-mezzi awtomatizzati għall-ġbir ta' data tal-API li tinqara minn magna, mal-protokollu u mal-formati komuni li **jenħtieġ li** jintużaw għat-trasferiment tad-data tal-API mill-operaturi tal-ajru, mar-regoli tekniċi u proċedurali għat-trażmissjoni tad-data tal-API mir-router lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u lill-PIUs u mal-konnessjonijiet u mal-integrazzjoni tal-PIUs u tal-operaturi tal-ajru mar-router, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-Artikoli 5, 6, 11, 20 u 21 rispettivament. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa **mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi l-operaturi tal-ajru**, matul ix-xogħol tagħha ta' tħejjija, anke fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>38</sup>. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċievuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-



tħejjija ta' atti delegati. *Filwaqt li jitqies l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, dawn ir-rekwiżiti tekniċi u r-regoli jistgħu jinbidlu maż-żmien.*

---

<sup>38</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

---

<sup>38</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

## **Emenda 30**

### **Proposta għal regolament Premessa 31a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(31a)** *Huwa importanti li tinġabar statistika affidabbli u utli bbażata fuq l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jiġu appoġġati l-objettivi tiegħu u jservu bħala informazzjoni għall-evalwazzjonijiet fl-ambitu ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li tali statistika ma tinkludi l-ebda data identifikabbli b'mod personali. Jenħtieġ li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inklużi l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, l-Europol u, meta xieraq, l-operaturi tal-ajru, ikollhom aċċess għal dik l-istatistika.*

## **Emenda 31**

### **Proposta għal regolament Premessa 34a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(34a)** *Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun soġġett għal evalwazzjonijiet regolari biex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tiegħu. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ġbir tad-data tal-API ma jkunx għad-detriment tal-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' passiġġieri leġittimi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi, fir-rapporti ta' evalwazzjoni regolari tagħha dwar l-*

*applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' passiġġieri leġittimi.*

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Premessa 34b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34b) Minħabba li dan ir-Regolament se jirrikjedi aġġustamenti min-naħa tal-operaturi tal-ajru kif ukoll kostijiet amministrattivi addizzjonali, jenħtieġ li l-piż regolatorju ġenerali għas-settur tal-avjazzjoni jinżamm taħt rieżami mill-qrib. F'dan l-isfond, ir-rapport li jevalwa l-funzjonament ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jivvaluta l-punt sa fejn ikunu ntlaħqu l-oġġettivi ta' dan ir-Regolament u sa liema punt dan kellu impatt fuq il-kompetittività tas-settur. Għalhekk, jenħtieġ li r-rapport tal-Kummissjoni jwettaq ukoll valutazzjoni olistika u jirreferi għall-interazzjoni ta' dan ir-Regolament ma' atti leġiżlattivi rilevanti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (KE) 767/2008. Ir-rapport jenħtieġ li jivvaluta l-impatt ġenerali tal-obbligi ta' rapportar relatati fuq l-operaturi tal-ajru, filwaqt li jidentifika d-dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu aġġornati u ssimplifikati, meta xieraq, biex jimmitigaw il-piż fuq l-operaturi tal-ajru, kif ukoll l-azzjonijiet u l-miżuri li jkunu ttieħdu jew li jistgħu jittieħdu biex titnaqqas il-pressjoni tal-kostijiet totali fuq is-settur tal-avjazzjoni.*

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Premessa 35

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(35) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ma jaffettwax il-possibilità li l-Istati Membri jipprovdu, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, għal sistema ta' ġbir tad-data tal-API minn fornituri tat-trasport għajr dawk speċifikati f'dan ir-Regolament, diment li tali liġi nazzjonali tikkonforma mad-dritt tal-Unjoni.**

**imħassar**

#### **Emenda 34**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2016/679 u (UE) 2018/1725.***

#### **Emenda 35**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(e) “titjira skedata” tfisser titjira li topera skont skeda ta' żmien fissa, li għaliha jistgħu jinxtraw biljetti mill-pubbliku ġenerali;

(e) “titjira skedata” tfisser titjira ***kummerċjali*** li topera skont skeda ta' żmien fissa, li għaliha jistgħu jinxtraw biljetti mill-pubbliku ġenerali;

#### **Emenda 36**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(f) “titjira mhux skedata” tfisser titjira li ma toperax skont skeda ta' żmien fissa u li mhux bilfors tkun parti minn rotta

(f) “titjira mhux skedata” tfisser titjira ***kummerċjali*** li ma toperax skont skeda ta' żmien fissa u li mhux bilfors tkun parti

regolari jew skedata;

minn rotta regolari jew skedata;

### Emenda 37

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt h

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(h) “passiġġier” tfisser kwalunkwe persuna, esklużi membri tal-ekwipaġġ, li tinġarr jew li għandha tinġarr fuq inġenju tal-ajru bil-kunsens tal-operatur tal-ajru, ***bit-tali kunsens li*** jintwera permezz tar-reġistrazzjoni ta’ dik il-persuna fil-lista tal-passiġġieri;

##### *Emenda*

(h) “passiġġier” tfisser kwalunkwe persuna, esklużi membri tal-ekwipaġġ ***sakemm ma jkunux off duty***, li tinġarr jew li għandha tinġarr fuq inġenju tal-ajru bil-kunsens tal-operatur tal-ajru, ***fejn tali kunsens*** jintwera permezz tar-reġistrazzjoni ta’ dik il-persuna fil-lista tal-passiġġieri;

### Emenda 38

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt j

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(j) “***vjaġġatur***” tfisser ***passiġġier jew membru tal-ekwipaġġ***;

##### *Emenda*

***imħassar***

### Emenda 39

#### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt k

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(k) “data tal-Infommazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri” jew “data tal-API” tfisser id-data dwar ***il-vjaġġatur*** u l-infommazzjoni dwar it-titjira msemmijin fl-Artikolu 4(2) u (3) rispettivament;

##### *Emenda*

(k) “data tal-Infommazzjoni bil-Quddiem dwar il-Passiġġieri” jew “data tal-API” tfisser id-data dwar ***il-passiġġier*** u l-infommazzjoni dwar it-titjira msemmijin fl-Artikolu 4(2) u (3) rispettivament;

### Emenda 40

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt l**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(l) “Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri” jew “PIU” tfisser l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3, il-punt **i**, tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API];

*Emenda*

(l) “Unità tal-Infommazzjoni dwar il-Passiġġieri” jew “PIU” tfisser l-awtorità kompetenti msemmija fl-Artikolu 3, il-punt **k**, tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API];

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API **tal-vjaġġaturi**, li tikkonsisti **fid-data tal-vjaġġaturi** u **fl-infommazzjoni** dwar it-titjira speċifikati fil-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu, rispettivament, fuq it-titjiriet imsemmijin fl-Artikolu 2, għall-fini tat-trasferiment ta’ dik id-data tal-API lir-router f’konformità mal-Artikolu 6.

*Emenda*

1. L-operaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API **tal-passiġġieri**, li tikkonsisti **minn data tal-passiġġieri** u **infommazzjoni** dwar it-titjira speċifikati fil-paragrafi 2 u 3 ta’ dan l-Artikolu, rispettivament, fuq it-titjiriet imsemmijin fl-Artikolu 2, għall-fini tat-trasferiment ta’ dik id-data tal-API lir-router f’konformità mal-Artikolu 6. **Meta t-titjira jkollha l-kodiċi kondiviż bejn operatur tal-ajru wieħed jew aktar, huwa l-operatur tal-ajru li jopera t-titjira li għandu jkollu l-obbligu li jittrasferixxi d-data tal-API.**

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Id-data tal-API għandha tikkonsisti **fid-data tal-vjaġġaturi** li ġejja relatata ma’ kull **vjaġġatur** fuq it-titjira:

*Emenda*

2. Id-data tal-API għandha tikkonsisti **biss mid-data tal-passiġġieri** li ġejja relatata ma’ kull **passiġġier** fuq it-titjira:

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(e) jekk il-vjaġġatur ikunx passiġġier jew membru tal-ekwipaġġ (status tal-vjaġġatur);**

**imħassar**

**Emenda 44**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(g) l-informazzjoni dwar is-sit, bħan-numru tas-sit fl-inġenju tal-ajru assenjat lil passiġġier, meta l-operatur tal-ajru jkun jiġbor tali informazzjoni;**

**(g) in-numru** tas-sit fl-inġenju tal-ajru assenjat lil passiġġier, meta l-operatur tal-ajru jkun jiġbor tali informazzjoni;

**Emenda 45**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt h**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(h) informazzjoni dwar il-bagalji, bħan-numru ta' bagalji** ppreżentati fiċ-check-in, meta l-operatur tal-ajru jkun jiġbor tali informazzjoni.

**(h) in-numru u l-piż tal-bagalji** ppreżentati fiċ-check-in, meta l-operatur tal-ajru jkun jiġbor tali informazzjoni.

**Emenda 46**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 4 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Id-data tal-API għandha tikkonsisti **wkoll fl-informazzjoni** dwar it-titjira li ġejja relatata mat-titjira ta' kull **vjaġġatur**:

3. Id-data tal-API għandha tikkonsisti **biss minn informazzjoni** dwar it-titjira li ġejja relatata mat-titjira ta' kull **passiġġier**:

## Emenda 47

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-titjira jew, jekk ma jkun jeżisti l-ebda numru bħal dan, mezzu ċari u xierqa oħrajn sabiex tiġi identifikata t-titjira;

*Emenda*

(a) in-numru ta' identifikazzjoni tat-titjira jew, **meta t-titjira jkollha l-kodiċi kondiviż bejn operatur tal-ajru wieħed jew aktar, in-numri ta' identifikazzjoni tat-titjira, jew** jekk ma jkun jeżisti l-ebda numru bħal dan, mezzu ċari u xierqa oħrajn sabiex tiġi identifikata t-titjira;

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-ġbir tad-data tal-API f'konformità mal-ewwel subparagrafu ma għandux jinkludi obbligu għall-operaturi tal-ajru li jivverifikaw id-dokument tal-ivvjaġġar fil-mument tal-imbark fl-inġenju tal-ajru jew obbligu għall-passiġġieri li jgħorru dokument tal-ivvjaġġar meta jivvjaġġaw, mingħajr preġudizzju għal atti tal-liġi nazzjonali li huma kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.***

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-operaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API **imsemmija** fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (d), billi jużaw mezzu awtomatizzati sabiex jiġbru d-data li tinqara minn magna tad-dokument tal-ivvjaġġar **tal-vjaġġatur** ikkonċernat.

L-operaturi tal-ajru għandhom jiġbru d-data tal-API **msemmija** fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (d), billi jużaw mezzu awtomatizzati sabiex jiġbru d-data li tinqara minn magna tad-dokument tal-ivvjaġġar **tal-passiġġier** ikkonċernat. **L-**

Għandhom jagħmlu dan f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi dettaljati u **mar-regoli** operazzjonali **msemmijin** fil-paragrafu 4, **meta dawn ir-regoli** jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

**operaturi tal-ajru għandhom jiġbru dik id-data matul il-proċeduri taċ-check-in, jew bħala parti miċ-check-in online jew bħala parti miċ-check-in l-ajruport.**

**Huma għandhom jagħmlu dan f'konformità mar-rekwiżiti tekniċi dettaljati u mar-regoli operazzjonali msemmija fil-paragrafu 4, ladarba tali regoli jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli, u, b'mod partikolari, billi jużaw l-aktar mezzi awtomatizzati affidabbli disponibbli biex jiġbru d-data li tinqara minn magna tad-dokument tal-ivvjaġġar rispettiv.**

## Emenda 50

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Il-ġbir ta' data tal-API b'mezzi awtomatizzati ma għandux iwassal għall-ġbir ta' kwalunkwe data bijometrika mid-dokument tal-ivvjaġġar.**

## Emenda 51

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Meta l-operaturi tal-ajru jipprovdu proċess ta' check-in online, huma għandhom jippermettu lill-passiġġieri jipprovdu d-data tal-API msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (d), matul il-proċess taċ-check-in online, permezz ta' mezzi awtomatizzati.**

## Emenda 52



**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Madankollu, meta **dan l-użu** ta' mezzi awtomatizzati ma jkunx possibbli **minħabba d-dokument tal-ivvjaġġar** li **ma jkunx fih data li tinqara minn magna, l-operaturi tal-ajru għandhom jiġbru dik id-data manwalment**, b'tali mod li **tiġi żgurata l-konformità** mal-paragrafu 1.

*Emenda*

Madankollu, meta **tali użu** ta' mezzi awtomatizzati ma jkunx possibbli, **l-operaturi tal-ajru jenħtieġ li jiġbru d-data manwalment, jew bħala parti mill-proċess taċ-check-in online, inkella bħala parti miċ-check-in l-ajruport**, b'tali mod li **jiżguraw il-konformità** mal-paragrafu 1.

**Emenda 53**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Kwalunkwe mezz awtomatizzat użat mill-operaturi tal-ajru għall-ġbir tad-data tal-API skont dan ir-Regolament għandu jkun affidabbli, sigur u aġġornat.

*Emenda*

3. Kwalunkwe mezz awtomatizzat użat mill-operaturi tal-ajru għall-ġbir tad-data tal-API skont dan ir-Regolament għandu jkun affidabbli, sigur u aġġornat. **L-operaturi tal-ajru għandhom jiżguraw li d-data tal-API tiġi kriptata matul it-trażmissjoni tad-data mingħand il-passiġġier għal għand l-operaturi tal-ajru.**

**Emenda 54**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi dettaljati u regoli operazzjonali għall-ġbir tad-data tal-API msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (d), bl-użu ta' mezzi awtomatizzati f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti tekniċi dettaljati u regoli operazzjonali għall-ġbir tad-data tal-API msemmija fl-Artikolu 4(2), il-punti (a) sa (d), bl-użu ta' mezzi awtomatizzati f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, **inklużi r-rekwiżiti għas-sigurtà tad-data.**

## Emenda 55

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API lir-router b'mezzi elettroniċi. Huma għandhom jagħmlu dan f'konformità mar-regoli dettaljati msemmijin fil-paragrafu 3, **meta dawn ir-regoli** jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

#### *Emenda*

1. L-operaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API **kriptata** lir-router b'mezzi elettroniċi. Huma għandhom jagħmlu dan f'konformità mar-regoli dettaljati msemmijin fil-paragrafu 3, **ladarba tali regoli** jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

## Emenda 56

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API kemm fil-mument taċ-check-in kif ukoll **immedjatament** wara l-għeluq tat-titjira, jgħid li ladarba l-passiġġieri jkunu imbarkaw l-inġenju tal-ajru bi tħejjija għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli għall-passiġġieri li jtilgħu abbord jew joħorġu mill-inġenju tal-ajru.

#### *Emenda*

2. L-operaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API kemm fil-mument taċ-check-in kif ukoll **minnufih** wara l-għeluq tat-titjira, jgħid li ladarba l-passiġġieri jkunu imbarkaw l-inġenju tal-ajru bi tħejjija għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli għall-passiġġieri li jtilgħu abbord jew joħorġu mill-inġenju tal-ajru. **Fil-mument taċ-check-in, l-operaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API f'konformità ma' dan ir-Regolament u ma' standards internazzjonali rilevanti. L-operaturi tal-ajru għandhom jirċievu konferma tar-riċevuta għat-trasferiment tad-data tal-API.**

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati neċessarji dwar il-protokoll komuni u l-formati tad-data appoġġati li għandhom jintużaw għat-trasferimenti tad-data tal-API lir-router imsemmi fil-paragrafu 1.

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati neċessarji dwar il-protokoll komuni u l-formati tad-data appoġġati li għandhom jintużaw għat-trasferimenti **kriptati** tad-data tal-API lir-router imsemmi fil-paragrafu 1, **inkluż it-trasferiment tad-data tal-API fil-mument taċ-check-in, it-tweġiba sinifikattiva u r-rekwiżiti għas-sigurtà tad-data. Tali regoli dettaljati għandhom jiżguraw li l-linji tal-ajru jittrażmettu d-data tal-API billi jużaw l-istess struttura u kontenut.**

**Emenda 58**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 6 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. **Meta operatur tal-ajru jsir konxju, wara li jkun għadda d-data lir-router, li d-data tal-API ma tkunx akkurata, mhux kompluta, ma għadhiex aġġornata jew ġiet ipproċessata illegalment, jew li d-data ma tikkostitwixxix data tal-API, huwa għandu jinforma minnufih lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA). Malli tirċievi t-tali informazzjoni, l-eu-LISA għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-fruntiera li tkun irċeviet id-data tal-API trażmessa permezz tar-router.**

*Emenda*

**imħassar**

**Emenda 59**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għandhom, taħt kwalunkwe ċirkostanza, ikunu pprojbiti milli jipproċessaw id-data tal-API għall-finijiet tat-tfassil ta' profili.***

**Emenda 60**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-operaturi tal-ajru għandhom jaħżnu, għal perjodu ta' **48** siegħa mill-mument tat-tluq tat-titjira, id-data tal-API relatata ma' dak il-passiġġier li jkunu għabru skont l-Artikolu 4. Għandhom ***immedjatament*** u b'mod permanenti jħassru dik id-data tal-API wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien.

1. L-operaturi tal-ajru għandhom jaħżnu, għal perjodu ta' żmien ta' **24** siegħa mill-mument tat-tluq tat-titjira, id-data tal-API relatata ma' dak il-passiġġier li jkunu għabru skont l-Artikolu 4. Għandhom ***minnufih*** u b'mod permanenti jħassru dik id-data tal-API wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien. ***Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-operaturi tal-ajru jżommu u jużaw id-data, meta jkun neċessarju, għall-perkors normali tan-negozju tagħhom u partikolarment għall-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar, f'konformità mal-liġi applikabbli u b'mod partikolari mar-Regolament (UE) 2016/679.***

**Emenda 61**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għandhom jaħżnu, għal perjodu ta' żmien ta' **48** siegħa mill-mument tat-tluq tat-titjira, id-data tal-API relatata ma' dak il-passiġġier li huma jkunu rċevew

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għandhom jaħżnu, għal perjodu ta' żmien ta' **24** siegħa mill-mument tat-tluq tat-titjira, id-data tal-API relatata ma' dak il-passiġġier li huma jkunu rċevew

permezz tar-router skont l-Artikolu 11. Għandhom **immedjatament** u b'mod permanenti jħassru dik id-data tal-API wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien.

## Emenda 62

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

permezz tar-router skont l-Artikolu 11. Għandhom **minnufih** u b'mod permanenti jħassru dik id-data tal-API wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien.

*Emenda*

**2a. L-operaturi tal-ajru jew l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għandhom jew jikkoreġu, jikkompletaw jew jaġġornaw, inkella jħassru b'mod permanenti, id-data tal-API kkonċernata fiż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin:**

**(a) meta jsiru konxji li d-data tal-API miġbura ma tkunx akkurata, ma tkunx kompluta jew ma għadhiex aġġornata;**

**(b) meta t-trasferiment tad-data tal-API f'konformità mal-Artikolu 5(2) ikun tlesta.**

## Emenda 63

### Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 2b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. L-operaturi tal-ajru jew l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għandhom iħassru minnufih u b'mod permanenti d-data tal-API meta jsiru jafu li d-data tal-API miġbura ġiet ipproċessata b'mod illegali jew li d-data ttrasferita ma tikkostitwix data tal-API.**

## Emenda 64

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2c.** *Meta l-operaturi tal-ajru jsiru konxji taċ-ċirkostanzi msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 2a jew tal-paragrafu 2b wara li jkunu lestew it-trasferiment tad-data f'konformità mal-Artikolu 6(1), huma għandhom jinfurmaw minnufih lill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA). Malli tirċievi tali informazzjoni, l-eu-LISA għandha tinforma minnufih lill-awtorità kompetenti tal-fruntiera li tkun irċeviet id-data tal-API trażmessa permezz tar-router.*

**Emenda 65**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3.** *Meta operatur tal-ajru jew awtorità kompetenti tal-fruntiera ssir taf li d-data li tkun ġabret, ittrasferiet jew irċeviet skont dan ir-Regolament ma tkunx akkurata, ma tkunx kompluta, ma għadhiex aġġornata jew ġiet ipproċessata b'mod illegali, jew li d-data ma tikkostitwixxix data tal-API, hija għandha immedjatament tikkoreġi, tikkompleta jew taġġorna, jew tħassar b'mod permanenti, dik id-data tal-API. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-operaturi tal-ajru jżommu u jużaw id-data, meta jkun neċessarju, għall-perkors normali tan-negozju tagħhom f'konformità mal-liġi applikabbli.*

*imħassar*

**Emenda 66**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 8a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**Artikolu 8a**

***Id-Drittijiet Fundamentali***

***1. Il-ġbir u l-ipproċessar ta' data personali f'konformità ma' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API] minn operaturi tal-ajru u awtoritajiet kompetenti ma għandhomx jirriżultaw f'diskriminazzjoni fil-konfront ta' persuni abbażi tas-sess u l-ġeneru, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiki ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew kwalunkwe opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali.***

***2. Dan ir-Regolament għandu jirrispetta bis-sħiħ id-dinjità tal-bniedem u d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali rikonoxxuti mill-Karta, inkluż id-dritt tar-rispett għall-ħajja privata tal-individwu, għall-ażil, għall-protezzjoni tad-data personali, għal-libertà ta' moviment u għal rimedji legali effettivi.***

***3. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lit-tfal, lill-anzjani, lill-persuni b'diżabbiltà u lill-persuni vulnerabbli. L-aħjar interessi tat-tfal għandhom jikkostitwixxu kunsiderazzjoni primarja meta jiġi implimentat dan ir-Regolament.***

**Emenda 67**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-eu-LISA għandha tfassal,

1. L-eu-LISA għandha tfassal,

tiżviluppa, tospita u timmaniġġja teknikament, f'konformità mal-Artikoli 22 u 23, router għall-fini li jiffaċilita t-trasferiment tad-data tal-API mill-operaturi tal-ajru lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera **u lill-PIUs** f'konformità ma' dan ir-Regolament **u mar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], rispettivament.**

## Emenda 68

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-infrastruttura ċentrali u l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u l-PIUs, u kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-infrastruttura ċentrali u l-operaturi tal-ajru, għat-trasferiment tad-data tal-API u għal kwalunkwe komunikazzjoni relatata magħha.

## Emenda 69

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

## Emenda 70

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2b (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

tiżviluppa, tospita u timmaniġġja teknikament, f'konformità mal-Artikoli 22 u 23, router għall-fini li jiffaċilita t-trasferiment tad-data tal-API **kriptata** mill-operaturi tal-ajru lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera f'konformità ma' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

(b) kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-infrastruttura ċentrali u l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u l-PIUs, u kanal ta' komunikazzjoni sigur bejn l-infrastruttura ċentrali u l-operaturi tal-ajru, għat-trasferiment **u għat-trażmissjoni** tad-data tal-API u għal kwalunkwe komunikazzjoni relatata magħha.

#### *Emenda*

**2a. Ir-router għandu jippermetti r-riċeviment u t-trażmissjoni ta' data tal-API kriptata.**

#### *Emenda*

**2b. Ir-router għandu jislet u jagħmel disponibbli b'mod awtomatiku l-**



*istatistika, f'konformità mal-Artikolu 31, għar-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika.*

## Emenda 71

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, ir-router għandu, sa fejn ikun teknikament possibbli, jaqsam u jerġa' juża l-komponenti tekniċi, inklużi l-komponenti tal-hardware u tas-software, tas-servizz tal-web imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup>, il-portal għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 6(2), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2018/1240, u l-portal għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 2a, il-punt (h), tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>49</sup>.

---

<sup>48</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L

*Emenda*

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, ir-router għandu, jekk xieraq u sa fejn ikun teknikament possibbli, jaqsam u jerġa' juża l-komponenti tal-hardware u tas-software, tas-servizz web imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup>, il-portal għat-trasportaturi msemmi fl-Artikolu 6(2), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2018/1240, u l-gateway tat-trasportaturi msemmi fl-Artikolu 2a, il-punt (h), tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>49</sup>. ***L-eu-LISA għandha tfassal ir-router, sa fejn ikun possibbli mil-lat tekniku u operazzjonali, b'mod li jkun koerenti u konsistenti mal-obbligi imposti fuq l-operaturi tal-ajru mir-Regolamenti (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (KE) 767/2008.***

---

<sup>48</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jstabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L

327, 9.12.2017, p. 20).

<sup>49</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

## Emenda 72

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

327, 9.12.2017, p. 20).

<sup>49</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

*Emenda*

**3a. L-eu-LISA għandha tfassal u tiżviluppa r-router b'mod li kwalunkwe data tal-API ttrasferita mill-operaturi tal-ajru lir-router f'konformità mal-Artikolu 6 u kwalunkwe data tal-API trażmessa mir-router lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera f'konformità mal-Artikolu 11 u lir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika f'konformità mal-Artikolu 31(2) tkun kriptata.**

## Emenda 73

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Ir-router għandu jintuża biss mill-operaturi tal-ajru sabiex jittrasferixxu d-data tal-API u mill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri u mill-PIUs sabiex jirċievu d-data tal-API, f'konformità ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], rispettivament.**

*Emenda*

**Minkejja l-użu tar-router fl-Artikolu 4b (ġdid) tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], ir-router għandu jintuża biss:**

**(a) mill-operaturi tal-ajru biex jittrasferixxu data tal-API kriptata f'konformità ma' dan ir-Regolament;**

*(b) mill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera biex jirċievu data tal-API kriptata f'konformità ma' dan ir-Regolament.*

## **Emenda 74**

### **Proposta għal regolament Artikolu 10a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 10a*

##### *Il-format tad-data u l-verifiki tat-trasferiment*

- 1. Ir-router għandu, b'mod awtomatizzat u abbażi ta' data dwar it-traffiku tat-titjiriet f'ħin reali, jivverifika jekk l-operatur tal-ajru ttrasferiex id-data tal-API f'konformità mal-Artikolu 6(1).*
- 2. Ir-router għandu, minnufih u b'mod awtomatizzat, jivverifika jekk id-data tal-API ttrasferita lilu f'konformità mal-Artikolu 6(1) tikkonformax mar-regoli dettaljati dwar il-formati tad-data appoġġati, imsemmija fl-Artikolu 6(3).*
- 3. Meta r-router ikun ivverifika f'konformità mal-paragrafu 1 li d-data ma ġietx ittrasferita mill-operatur tal-ajru jew meta d-data inkwistjoni ma tkunx konformi mar-regoli dettaljati msemmija fil-paragrafu 2, ir-router għandu, minnufih u b'mod awtomatizzat, jinnotifika lill-operatur tal-ajru kkonċernat u lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tal-Istati Membri li lilhom kellha tiġi trażmessa d-data skont l-Artikolu 11(1). F'dan il-każ, l-operatur tal-ajru għandu jitransferixxi minnufih id-data tal-API f'konformità mal-Artikolu 6.*
- 4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifikaw ir-regoli tekniċi u proċedurali dettaljati meħtieġa għall-verifiki u n-notifiki msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-*

*Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 36(2).*

## Emenda 75

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Ir-router għandu, **immedjatament** u b' mod awtomatizzat, jittrażmetti d-data tal-API, ittrasferita lil skont l-Artikolu 6, lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tal-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 4(3), il-punt (c). Għandu jagħmel dan f'konformità mar-regoli dettaljati msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, **meta dawn ir-regoli** jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

*Emenda*

**Malli jsiru l-verifiki msemmija fl-Artikolu 10a**, ir-router għandu, **minnufih** u b' mod awtomatizzat, jittrażmetti d-data tal-API **kriptata**, ittrasferita lil skont l-Artikolu 6, lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tal-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 4(3), il-punt (c). Għandu jagħmel dan f'konformità mar-regoli dettaljati msemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, **ladarba tali regoli** jkunu ġew adottati u jkunu applikabbli.

## Emenda 76

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera biss **ikollu** aċċess għad-data tal-API trażmessa lilhom permezz tar-router. Huma għandhom jistabbilixxu r-regoli neċessarji għal dak l-għan. Dawk ir-regoli għandhom jinkludu regoli dwar il-ħolqien u l-aġġornament regolari ta' lista ta' dak il-persunal u tal-profilu tagħhom.

*Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persunal debitament awtorizzat **u l-persunal imħarreġ** tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera biss, **iddeżinjati f'konformità mal-paragrafu 2, ikollhom** aċċess għad-data tal-API trażmessa lilhom permezz tar-router. Huma għandhom jistabbilixxu r-regoli neċessarji għal dak l-għan. Dawk ir-regoli għandhom jinkludu regoli dwar il-ħolqien u l-aġġornament regolari ta' lista ta' dak il-persunal u tal-profilu tagħhom.

## Emenda 77

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli tekniċi u proċedurali dettaljati neċessarji għat-trażmissjonijiet tad-data tal-API mir-router imsemmi fil-paragrafu 1.

*Emenda*

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli tekniċi u proċedurali dettaljati neċessarji għat-trażmissjonijiet tad-data tal-API **kriptata** mir-router imsemmi fil-paragrafu 1, **inkluż dwar ir-rekwiżiti għas-sigurtà tad-data.**

**Emenda 78**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Id-data tal-API, ittrasferita lir-router skont dan ir-Regolament **u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]**, għandha tinħażen fuq ir-router biss sa fejn tkun neċessarja sabiex titlesta t-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti **tal-fruntieri jew lill-PIUs, kif ikun applikabbli, f'konformità ma' dawk ir-Regolamenti** u għandha titħassar mir-router, **b'mod immedjat**, permanenti u awtomatizzat, fiż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin:

*Emenda*

Id-data tal-API, ittrasferita lir-router skont dan ir-Regolament, għandha tinħażen fuq ir-router biss sa fejn tkun neċessarja sabiex titlesta t-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti **tal-fruntiera** u għandha titħassar mir-router, **minnufih, b'mod** permanenti u awtomatizzat, fiż-żewġ sitwazzjonijiet li ġejjin:

**Emenda 79**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) meta t-trażmissjoni tad-data tal-API lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-fruntiera **jew lill-PIUs, kif applikabbli,**

*Emenda*

(a) meta t-trażmissjoni tad-data tal-API lill-awtoritajiet kompetenti rilevanti tal-fruntiera tkun tlestiet;

tkun tlestiet;

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(aa) f'każijiet ta' impossibbiltà teknika tar-router li sussegwentement jittrażmetti d-data tal-API lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera, wara 12-il siegħa.**

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) fir-rigward tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], meta d-data tal-API tkun relatata ma' titjiriet intra-UE oħrajn minbarra dawk inklużi l-listi msemmijin fl-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament.**

**imħassar**

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-eu-LISA għandha żżomm reġistri tal-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar relatati mat-trasferiment tad-data tal-API permezz tar-router skont dan ir-Regolament **u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]**. Dawk ir-reġistri għandhom ikopru **dawn li ġejjin:**

L-eu-LISA għandha żżomm reġistri tal-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar relatati mat-trasferiment tad-data tal-API permezz tar-router skont dan ir-Regolament. Dawk ir-reġistri għandhom ikopru:

## Emenda 83

## Proposta għal regolament

### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera **u l-PIUs** li lilhom ġiet trażmessa d-data tal-API permezz tar-router;

#### *Emenda*

(b) L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera li lilhom ġiet trażmessa d-data tal-API permezz tar-router;

## Emenda 84

## Proposta għal regolament

### Artikolu 13 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi tal-ajru għandhom joħolqu reġistri tal-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar skont dan ir-Regolament imwettqin bl-użu tal-mezzi awtomatizzati msemmijin fl-Artikolu 5(2). Dawk ir-reġistri għandhom ikopru d-data, il-ħin u l-post tat-trasferiment tad-data tal-API.

#### *Emenda*

2. L-operaturi tal-ajru għandhom joħolqu reġistri tal-operazzjonijiet kollha ta' pproċessar skont dan ir-Regolament imwettqin bl-użu tal-mezzi awtomatizzati msemmijin fl-Artikolu 5(2). Dawk ir-reġistri għandhom ikopru d-data, il-ħin u l-post tat-trasferiment tad-data tal-API. ***Dawk ir-reġistri ma għandhom jinkludu l-ebda data personali, għajr l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi identifikat il-membri rilevanti tal-persunal tal-operatur tal-ajru.***

## Emenda 85

## Proposta għal regolament

### Artikolu 13 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Ir-reġistri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jintużaw biss sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u l-integrità tad-data tal-API u l-legalità tal-ipproċessar, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ***u fir-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]***, inklużi l-proċedimenti għal penali għal ksur ta' dawk ir-rekwiżiti

#### *Emenda*

3. Ir-reġistri msemmijin fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jintużaw biss sabiex jiġu żgurati s-sigurtà u l-integrità tad-data tal-API u l-legalità tal-ipproċessar, b'mod partikolari fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, inklużi l-proċedimenti għal penali għal ksur ta' dawk ir-rekwiżiti f'konformità mal-Artikoli 29 u 30 ta' dan ir-

f'konformità mal-Artikoli 29 u 30 ta' dan ir-Regolament.

Regolament.

## Emenda 86

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. L-eu-LISA u ***l-operaturi*** tal-ajru għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jipproteġu r-reġistri li jkunu ħolqu skont il-paragrafi 1 u 2, rispettivament, kontra aċċess mhux awtorizzat u riskji oħrajn għas-sigurtà.

#### *Emenda*

4. L-eu-LISA u ***operaturi*** tal-ajru għandhom jieħdu miżuri xierqa sabiex jipproteġu r-reġistri li jkunu ħolqu skont il-paragrafi 1 u 2, rispettivament, kontra aċċess mhux awtorizzat u riskji oħrajn għas-sigurtà.

## Emenda 87

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***4a. L-awtoritajiet superviżorji nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 29 u l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom aċċess għar-reġistri rilevanti msemmijin fil-paragrafu 1 meta neċessarju għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 3.***

## Emenda 88

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

Madankollu, jekk dawk ir-reġistri jkunu meħtieġa għal proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgurar tas-sigurtà u tal-integrità tad-data tal-API jew tal-legalità tal-operazzjonijiet ta' pproċessar, kif imsemmi fil-paragrafu 2, u dawn il-proċeduri diġà jkunu bdew fil-mument tal-iskadenza tal-

Madankollu, jekk dawk ir-reġistri jkunu meħtieġa għal proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgurar tas-sigurtà u tal-integrità tad-data tal-API jew tal-legalità tal-operazzjonijiet ta' pproċessar, kif imsemmi fil-paragrafu 2, u dawn il-proċeduri diġà jkunu bdew fil-mument tal-iskadenza tal-



perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-eu-LISA u l-operaturi tal-ajru jistgħu jżommu dawk ir-reġistri sakemm ikunu neċessarji għal dawk il-proċeduri *wara* li *jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan u jipprovdu ġustifikazzjoni għalih. F'dak il-każ, għandhom iħassru dawk ir-reġistri minnufih meta ma jkunux għadhom neċessarji għal dawk il-proċeduri.*

perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-eu-LISA u l-operaturi tal-ajru jistgħu jżommu dawk ir-reġistri sakemm ikunu neċessarji għal dawk il-proċeduri, *diment* li *l-eu-LISA jew l-operaturi tal-ajru jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-ħtieġa li jżommu dawk ir-reġistri u jipprovduha bir-raġunijiet għalfejn se jagħmlu hekk.* F'dak il-każ, għandhom iħassru dawk ir-reġistri minnufih meta ma jkunux għadhom neċessarji għal dawk il-proċeduri.

## Emenda 89

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għandhom ikunu kontrolluri, skont it-tifsira tal-Artikolu 4(7), tar-Regolament (UE) 2016/679, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali permezz tar-router, inklużi t-trażmissjoni u l-ħżin għal raġunijiet tekniċi ta' dik id-data fir-router, kif ukoll fir-rigward tal-ipproċessar minnhom tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali msemija fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għandhom ikunu kontrolluri, skont it-tifsira tal-Artikolu 4, *il-punt* (7), tar-Regolament (UE) 2016/679, fir-rigward tal-ipproċessar tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali permezz tar-router, inklużi t-trażmissjoni *tad-data mir-router lill-awtoritajiet* u l-ħżin għal raġunijiet tekniċi ta' dik id-data fir-router, kif ukoll fir-rigward tal-ipproċessar minnhom tad-data tal-API li *tkun* tikkostitwixxi data personali msemija fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 90

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-eu-LISA għandha tkun il-proċessur skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali permezz tar-

#### *Emenda*

L-eu-LISA għandha tkun il-proċessur *f'isem l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera* skont it-tifsira tal-Artikolu 3, il-punt (12), tar-Regolament (UE) 2018/1725 għall-ipproċessar tad-data tal-API li *tkun*

router f'konformità ma' dan ir-Regolament u mar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API].

tikkostitwixxi data personali permezz tar-router f'konformità ma' dan ir-Regolament.

## Emenda 91

### Proposta għal regolament Artikolu 16a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 16a*

##### *L-informazzjoni għall-passiġġieri*

*F'konformità mad-dritt għall-informazzjoni fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2016/679, l-operaturi tal-ajru għandhom jipprovdu lill-passiġġieri, fuq titjiriet koperti minn dan ir-Regolament, informazzjoni dwar il-fini tal-ġbir tad-data personali tagħhom, it-tip ta' data personali miġbura, ir-riċevituri tad-data personali u l-mezzi biex jiġu eżerċitati d-drittijiet tas-suġġett tad-data.*

*Din l-informazzjoni għandha tiġi kkomunikata lill-passiġġieri bil-miktub u f'format faċilment aċċessibbli fil-mument tal-prenotazzjoni u fil-mument taċ-check-in, irrISPettivament mill-mezzi użati għall-ġbir tad-data personali fil-mument taċ-check-in f'konformità mal-Artikolu 5.*

## Emenda 92

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*-1. L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u l-operaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tkun tikkostitwixxi data personali, li huma jipproċessaw skont dan ir-Regolament.*

## Emenda 93

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**-1a.** *L-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u l-operaturi tal-ajru għandhom jikkooperaw, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, ma' xulxin u mal-eu-LISA biex jiżguraw tali sigurtà.*

## Emenda 94

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-eu-LISA għandha tiżgura s-sigurtà tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, li tipproċessa skont dan ir-Regolament **u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]**. L-awtoritajiet kompetenti **tal-fruntieri** u l-operaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, li jipproċessaw skont dan ir-Regolament. L-eu-LISA, l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u l-operaturi tal-ajru għandhom jikkooperaw ma' xulxin, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, sabiex jiżguraw **it-tali** sigurtà.

1. L-eu-LISA għandha tiżgura s-sigurtà **u l-kriptaġġ** tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li **tkun** tikkostitwixxi data personali, li **hija** tipproċessa skont dan ir-Regolament. L-awtoritajiet kompetenti **tal-fruntiera** u l-operaturi tal-ajru għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data tal-API, b'mod partikolari d-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, li **huma** jipproċessaw skont dan ir-Regolament. L-eu-LISA, l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u l-operaturi tal-ajru għandhom jikkooperaw ma' xulxin, f'konformità mar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom u f'konformità mad-dritt tal-Unjoni, sabiex jiżguraw **tali** sigurtà.

## Emenda 95

### Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) jiżguraw li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit lil liema awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera **jew PIUs** tiġi trażmessa d-data tal-API permezz tar-router;

**Emenda 96**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 18 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-operaturi tal-ajru u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw il-konformità tagħhom mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-ipproċessar tagħhom tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali, inkluż permezz ta' verifika frekwenti tar-reġistri **msemmijin fl-Artikolu 13**.

**Emenda 97**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 19 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-awtoritajiet **nazzjonali kompetenti tal-protezzjoni tad-data** msemmijin fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom jiżguraw li jitwettaq awditu tal-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali mwettqin mill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti tal-awditjar, tal-anqas darba kull erba' snin.

*Emenda*

(c) jiżguraw li jkun possibbli li jiġi vverifikat u stabbilit lil liema awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tiġi trażmessa d-data tal-API permezz tar-router;

*Emenda*

L-operaturi tal-ajru u l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimmonitorjaw il-konformità tagħhom mal-obbligi rispettivi tagħhom skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-ipproċessar tagħhom tad-data tal-API li **tkun** tikkostitwixxi data personali, inkluż permezz ta' verifika frekwenti tar-reġistri **f'konformità mal-Artikolu 13**.

*Emenda*

1. L-awtoritajiet **superviżorji indipendenti** msemmijin fl-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom jiżguraw li jitwettaq awditu tal-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data tal-API li **tkun** tikkostitwixxi data personali mwettqin mill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti tal-awditjar, tal-anqas darba kull erba' snin.

## Emenda 98

### Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu ***jiżgura li jitwettaq*** awditu tal-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data tal-API li tikkostitwixxi data personali mwettqa mill-eu-LISA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament ***u tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]*** f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti tal-awditjar tal-anqas darba fis-sena. Rapport ta' dak l-awditu għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-eu-LISA. L-eu-LISA għandha tingħata opportunità li tikkummenta qabel jiġu adottati r-rapporti.

## Emenda 99

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tagħhom ikunu konnessi mar-router. Huma għandhom jiżguraw li s-sistemi u l-infrastruttura tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera ***għar-riċevuta*** tad-data tal-API ttrasferita skont dan ir-Regolament ikunu integrati mar-router.

## Emenda 100

### Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2

*Emenda*

2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data għandu ***jwettaq*** awditu tal-operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data tal-API li ***tkun*** tikkostitwixxi data personali mwettqa mill-eu-LISA għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti tal-awditjar tal-anqas darba fis-sena. Rapport ta' dak l-awditu għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-eu-LISA. L-eu-LISA għandha tingħata opportunità li tikkummenta qabel jiġu adottati r-rapporti.

*Emenda*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tagħhom ikunu konnessi mar-router. Huma għandhom jiżguraw li s-sistemi u l-infrastruttura tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera ***għar-riċeviment*** tad-data tal-API ttrasferita skont dan ir-Regolament ikunu integrati mar-router.

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati neċessarji dwar il-konnessjonijiet u l-integrazzjoni mar-router imsemmijin fil-paragrafu 1.

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati neċessarji dwar il-konnessjonijiet u l-integrazzjoni mar-router imsemmijin fil-paragrafu 1, ***inkluż dwar ir-reqwiżiti għas-sigurtà tad-data.***

**Emenda 101**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 21 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati neċessarji dwar il-konnessjonijiet u l-integrazzjoni mar-router imsemmijin fil-paragrafu 1.

*Emenda*

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati neċessarji dwar il-konnessjonijiet u l-integrazzjoni mar-router imsemmijin fil-paragrafu 1, ***inkluż dwar ir-reqwiżiti għas-sigurtà tad-data.***

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-eu-LISA għandha tiżgura li r-router ikun iddisinjat u żviluppat b'tali mod li r-router jipprovdi l-funzjonalitajiet speċifikati f'dan ir-Regolament ***u fir-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]***, u li r-router jibda jopera mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti delegati previsti fl-Artikolu 5(4), fl-Artikolu 6(3), fl-Artikolu 11(4), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 21(2).

*Emenda*

3. L-eu-LISA għandha tiżgura li r-router ikun iddisinjat u żviluppat b'tali mod li r-router jipprovdi l-funzjonalitajiet speċifikati f'dan ir-Regolament, u li r-router jibda jopera mill-aktar fis possibbli wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-atti delegati previsti fl-Artikolu 5(4), fl-Artikolu 6(3), fl-Artikolu 11(4), fl-Artikolu 20(2) u fl-Artikolu 21(2) ***u wara li titwettaq valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-data f'konformità mal-***

### **Emenda 103**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. Meta l-eu-LISA tqis li l-fażi ta' żvilupp tkun tlestiet, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, twettaq test komprensiv tar-router, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera, **mal-PIUs** u ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri u mal-operaturi tal-ajru u tinforma lill-Kummissjoni bl-eżitu ta' dak it-test.

*Emenda*

4. Meta l-eu-LISA tqis li l-fażi ta' żvilupp tkun tlestiet, hija għandha, mingħajr dewmien żejjed, twettaq test komprensiv tar-router, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri u mal-operaturi tal-ajru u tinforma lill-Kummissjoni bl-eżitu ta' dak it-test.

### **Emenda 104**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni teknika tar-router, inklużi l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi tiegħu, b'tali mod li tiżgura li d-data tal-API tiġi trażmessa b'mod sigur, effettiv u rapidu permezz tar-router, f'konformità ma' dan ir-Regolament **u mar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]**.

*Emenda*

L-eu-LISA għandha tkun responsabbli għall-ġestjoni teknika tar-router, inklużi l-manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi tiegħu, b'tali mod li tiżgura li d-data tal-API tiġi trażmessa b'mod sigur, effettiv u rapidu permezz tar-router, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

### **Emenda 105**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 23 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-ġestjoni teknika tar-router għandha tikkonsisti fit-twettiq tal-kompiti kollha u

*Emenda*

Il-ġestjoni teknika tar-router għandha tikkonsisti fit-twettiq tal-kompiti kollha u

fl-attivazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi neċessarji kollha għall-funzjonament xieraq tar-router f'konformità ma' dan ir-Regolament, **ir-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]**, mingħajr interruzzjoni, 24 siegħa kuljum, 7 ijiem fil-gimġha. Għandha tinkludi x-xogħol ta' manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi neċessarji sabiex jiġi żgurat li r-router jiffunzjona f'livell sodisfaċenti ta' kwalità teknika, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà, tal-akkuratezza u tal-affidabbiltà tat-trażmissjoni tad-data tal-API, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u, kemm jista' jkun, b'mod allinjat mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera, **tal-PIUs** u tal-operaturi tal-ajru.

## Emenda 106

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta jitolbuha tagħmel dan, l-eu-LISA għandha tipprovdi taħriġ lill-awtoritajiet kompetenti **tal-fruntieri, lill-PIUs** u lil awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri u lill-operaturi tal-ajru dwar l-użu tekniku tar-router.

## Emenda 107

### Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-eu-LISA għandha tipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera **u lill-PIUs** fir-rigward **tal-wasla** tad-data tal-API permezz tar-router skont dan ir-Regolament **u r-Regolament (UE)**

fl-attivazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi neċessarji kollha għall-funzjonament xieraq tar-router f'konformità ma' dan ir-Regolament mingħajr interruzzjoni, 24 siegħa kuljum, **sebat** ijiem fil-gimġha. Għandha tinkludi x-xogħol ta' manutenzjoni u l-iżviluppi tekniċi neċessarji sabiex jiġi żgurat li r-router jiffunzjona f'livell sodisfaċenti ta' kwalità teknika, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà, tal-akkuratezza u tal-affidabbiltà tat-trażmissjoni tad-data tal-API, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u, kemm jista' jkun, b'mod allinjat mal-ħtiġijiet operazzjonali tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u tal-operaturi tal-ajru.

#### *Emenda*

1. Meta jitolbuha tagħmel dan, l-eu-LISA għandha tipprovdi taħriġ lill-awtoritajiet kompetenti **tal-fruntiera** u lil awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri u lill-operaturi tal-ajru dwar l-użu tekniku tar-router **u dwar il-konnessjoni u l-integrazzjoni mar-router**.

#### *Emenda*

2. L-eu-LISA għandha tipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera fir-rigward **tar-riċeviment** tad-data tal-API permezz tar-router skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-



*[l-infurzar tal-liġi tal-API],  
rispettivament, b'mod partikolari fir-  
rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 11 u  
20 ta' dan ir-Regolament u tal-Artikoli 5  
u 10 tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-  
liġi tal-API].*

rigward tal-applikazzjoni tal-Artikoli 11 u  
20.

## Emenda 108

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kostijiet tal-eu-LISA u tal-Istati Membri

*Emenda*

Il-kostijiet tal-eu-LISA, ***tal-Kontrollur  
Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, tal-  
awtoritajiet superviżorji nazzjonali*** u tal-  
Istati Membri

## Emenda 109

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-kostijiet imġarrbin mill-eu-LISA fir-rigward tad-disinn, tal-iżvilupp, tal-hosting u tal-ġestjoni teknika tar-router skont dan ir-Regolament ***u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]*** għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

*Emenda*

1. Il-kostijiet imġarrbin mill-eu-LISA fir-rigward tad-disinn, tal-iżvilupp, tal-hosting u tal-ġestjoni teknika tar-router skont dan ir-Regolament għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni. ***Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħha għad-disinn, l-iżvilupp, l-ospitar u l-ġestjoni u l-manutenzjoni teknika tar-router, l-eu-LISA għandha tiġi pprovduta bir-riżorsi neċessarji taħt il-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.***

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

Il-kostijiet imġarrbin mill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjonijiet tagħhom u tal-integrazzjoni mar-router imsemmijin fl-Artikolu 20 għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

*Emenda*

Il-kostijiet imġarrbin **mill-eu-LISA u** mill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjonijiet tagħhom u tal-integrazzjoni mar-router imsemmijin fl-Artikolu 20 għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

**Emenda 111**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 25 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-kostijiet imġarrbin mill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data b'rabta mal-kompiti fdati lilu skont dan ir-Regolament għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.**

**Emenda 112**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 25 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Il-kostijiet imġarrbin minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali indipendenti fir-rigward tal-kompiti fdati lilhom skont dan ir-Regolament għandhom jiġġarrbu mill-Istati Membri.**

**Emenda 113**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 28 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

L-użu volontarju tar-router b'applikazzjoni tad-Direttiva 2004/81/KE

L-użu volontarju tar-router b'applikazzjoni tad-Direttiva 2004/82/KE

## Emenda 114

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta operatur tal-ajru jibda juża r-router f'konformità mal-paragrafu 1, huwa għandu jkompli juża r-router sabiex jibgħat din l-informazzjoni ***lill-awtorità*** responsabbli ***kkonċernata*** sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 39, it-tieni subparagrafu. Madankollu, dak l-użu għandu jitwaqqaf, minn data xierqa stabbilita minn dik l-awtorità, meta dik l-awtorità tqis li jkun hemm raġunijiet oġġettivi li jeħtieġu tali waqfien u tkun informat lill-operatur tal-ajru kif xieraq.

## Emenda 115

### Proposta għal regolament Artikolu 29 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 21, it-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-isem u bid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet li huma jiddeżinjaw skont il-paragrafu 1 u bir-regoli dettaljati li jistabbilixxu skont il-paragrafu 2. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe tibdil jew emenda sussegwenti għalihom.

## Emenda 116

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1

#### *Emenda*

2. Meta operatur tal-ajru jibda juża r-router f'konformità mal-paragrafu 1, huwa għandu jkompli juża r-router sabiex jibgħat din l-informazzjoni ***lill-awtoritajiet*** responsabbli ***tal-Istat Membru kkonċernat*** sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 39, it-tieni subparagrafu. Madankollu, dak l-użu għandu jitwaqqaf, minn data xierqa stabbilita minn dik l-awtorità, meta dik l-awtorità tqis li jkun hemm raġunijiet oġġettivi li jeħtieġu tali waqfien u tkun informat lill-operatur tal-ajru kif xieraq.

#### *Emenda*

3. Sad-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 39, it-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-isem u bid-dettalji ta' kuntatt tal-awtoritajiet li huma jiddeżinjaw skont il-paragrafu 1 u bir-regoli dettaljati li jistabbilixxu skont il-paragrafu 2. Għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien dwar kwalunkwe tibdil jew emenda sussegwenti għalihom.

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Sad-data **ta' applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 21, it-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

**Emenda 117**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 30 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1.** L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jiżguraw li jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu **penali** effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Sad-data **tal-applikazzjoni** ta' dan ir-Regolament imsemmija fl-Artikolu 21, it-tieni subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dawk ir-regoli u b'dawk il-miżuri u għandhom jinnotifikawha, mingħajr dewmien, bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

**1a.** *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiddeċiedu jekk għandhomx jimponu penali u meta jiddeterminaw it-tip u l-livell tal-penali, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali jqisu ċ-ċirkostanzi rilevanti kollha, li jistgħu jinkludu:*

**(a)** *in-natura, il-gravità u d-durata tal-ksur;*

**(b)** *il-livell ta' tort tal-operatur tal-ajru;*

**(c)** *ksur preċedenti mill-operatur tal-ajru;*

**(d)** *il-livell ġenerali ta' kooperazzjoni tal-operatur tal-ajru mal-awtoritajiet kompetenti;*

**(e)** *id-daqs tal-operatur tal-ajru, bħan-numru annwali ta' passiġġieri*

*ttrasportati;*

*(f) jekk il-penali preċedenti jkunux diġà ġew applikati minn awtoritajiet superviżorji nazzjonali oħra tal-API għall-istess operatur għall-istess ksar.*

## Emenda 118

### Proposta għal regolament Artikolu 30 – paragrafu 1b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li nuqqas sistematiku jew persistenti ta' konformità mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għal penali finanzjarji sa 2 % tal-fatturat globali tas-sena preċedenti tan-negozju tal-operatur tal-ajru.*

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. ***Kull tliet xhur***, l-eu-LISA għandha tippubblika ***statistiki*** dwar il-funzjonament tar-router, ***li juru*** b'mod partikolari ***n-numru, in-nazzjonalità u l-pajjiż tat-tluq tal-vjaġġaturi, u b'mod speċifiku tal-vjaġġaturi*** li jkunu imbarkaw l-inġenju tal-ajru b'data tal-API mhux akkurata, mhux kompluta jew li ma tkunx għadha aġġornata, b'dokument tal-ivvjaġġar mhux rikonoxxut, ***mingħajr viża valida, mingħajr awtorizzazzjoni valida għall-ivvjaġġar, jew irrapportati b'soġġorn eċċessiv, in-numru u n-nazzjonalità tal-vjaġġaturi.***

1. ***Biex tappoġġa l-implimentazzjoni u s-superviżjoni ta' dan ir-Regolament u abbażi tal-informazzjoni statistika msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu***, l-eu-LISA għandha tippubblika ***kull tliet xhur statistika*** dwar il-funzjonament tar-router, ***u dwar il-konformità mill-operaturi tal-ajru mal-obbligi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Din l-istatistika ma għandhiex tippermetti l-identifikazzjoni ta' individwi.***

***L-istatistika għandha turi*** b'mod partikolari:

***(a) in-numru ta' passiġġieri li***

*dwarhom tiġi trażmessa d-data tal-API,*

*(b) in-numru ta' titjiriet li għalihom tiġi trażmessa d-data tal-API,*

*(c) in-numru ta' titjiriet li fuqhom ma tiġix trażmessa d-data tal-API,*

*(d) in-numru ta' messaqġi API trażmessi fil-ħin lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera,*

*(e) in-numru ta' passiqġieri li jkunu imbarkaw l-inġenju tal-ajru b'data tal-API mhux akkurata, mhux kompluta jew li ma tkunx għadha aġġornata, b'dokument tal-ivvjaġġar mhux rikonoxxut.*

## Emenda 120

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. *L-eu-LISA għandha taħżen l-istatistiki ta' kuljum fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistiki stabbiliti fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/817.*

*Emenda*

2. *Għall-finijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, ir-router għandu jittrażmetti b'mod awtomatiku d-data elenkata fil-paragrafu 5 lir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika stabbiliti fl-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/817.*

## Emenda 121

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Fl-aħħar ta' kull sena, l-eu-LISA għandha tikkompila d-data statistika f'rapport annwali għal dik is-sena. Għandha tippubblika dak ir-rapport annwali u tibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data, lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u lill-

*Emenda*

3. *Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni u s-superviżjoni ta' dan ir-Regolament, fl-aħħar ta' kull sena, l-eu-LISA għandha tikkompila d-data statistika f'rapport annwali għal dik is-sena. Għandha tippubblika dak ir-rapport annwali u tibagħtu lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni*

awtoritajiet superviżorji nazzjonali msemmin fl-Artikolu 29.

tad-Data, lill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u lill-awtoritajiet superviżorji nazzjonali msemmin fl-Artikolu 29.

## Emenda 122

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdiha **statistiki** dwar aspetti speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament **u tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API]** kif ukoll **l-istatistiki** skont il-paragrafu 3.

#### *Emenda*

4. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-eu-LISA għandha tipprovdiha **statistika** dwar aspetti speċifiċi relatati mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll **l-istatistika** skont il-paragrafu 3.

## Emenda 123

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 5 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. **L-eu-LISA għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għad-data tal-API li ġejja trażmessa permezz tar-router, għall-finijiet biss tar-rapportar** imsemmi fl-Artikolu 38 u għall-ġenerazzjoni **ta' statistiki** f'konformità ma' dan l-Artikolu, **iżda** mingħajr tali **aċċess li jippermetti** l-identifikazzjoni **tal-vjaġġaturi** kkonċernati:

#### *Emenda*

5. **Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika għandu jipprovdi lill-eu-LISA bl-informazzjoni statistika neċessarja għar-rapportar** imsemmi fl-Artikolu 38 u għall-ġenerazzjoni **tal-istatistika** f'konformità ma' dan l-Artikolu, mingħajr **madankollu ma** tali **statistika dwar l-API tippermetti** l-identifikazzjoni **tal-passiġġieri** kkonċernati:

## Emenda 124

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 5 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(a) jekk il-vjaġġatur ikunx passiġġier jew membru tal-ekwipaġġ;**

***imħassar***

#### **Emenda 125**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 31 – paragrafu 5 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(b) *in-nazzjonalità, is-sess u s-sena tat-twelid tal-vjaġġatur;***

***imħassar***

#### **Emenda 126**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 31 – paragrafu 5 – punt e**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(e) in-numru ta' *vjaġġaturi* li għamlu check-in għall-istess titjira;**

**(e) in-numru ta' *passiġġieri* li għamlu check-in għall-istess titjira;**

#### **Emenda 127**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 31 – paragrafu 5 – punt g**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(g) jekk id-data personali *tal-vjaġġatur* tkunx akkurata, kompluta u aġġornata.**

**(g) jekk id-data personali *tal-passiġġier* tkunx akkurata, kompluta u aġġornata.**

#### **Emenda 128**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 31 – paragrafu 6**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**6. Għall-finijiet tar-rapportar**

**6. Għall-finijiet tar-rapportar**



imsemmi fl-Artikolu 38 u għall-ġenerazzjoni ***tal-istatistiki*** f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-eu-LISA għandha taħżen id-data msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u ***għall-istatistiki*** stabbilit mill-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/817. ***Id-data statistika u r-rapportar analitiku li jkopru d-diversi sistemi msemmijin fl-Artikolu 39(1) ta' dak ir-Regolament għandhom jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri*** u lil awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri jiksbu ***rapporti u statistiki personalizzabbli, għall-finijiet imsemmijin fl-Artikolu 1*** ta' dan ir-Regolament.

imsemmi fl-Artikolu 38 u għall-ġenerazzjoni ***tal-istatistika*** f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-eu-LISA għandha taħżen id-data msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu fir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u ***għall-istatistika*** stabbilit mill-Artikolu 39 tar-Regolament (UE) 2019/817. ***Għandha taħżen dik id-data għal perjodu ta' tliet snin f'konformità mal-paragrafu 2, b'mod li d-data ma tippermettix l-identifikazzjoni tal-passiġġieri kkonċernati.***

***Ir-repożitorju ċentrali għar-rapportar u għall-istatistika għandu jipprovdi lill-persunal debitament awtorizzat tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera*** u lil awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri ***b'rapporti u statistika dwar l-API adattabbli skont il-bżonn kif imsemmi fil-paragrafu 5 għall-implimentazzjoni u s-superviżjoni*** ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 129

### Proposta għal regolament Artikolu 31 – paragrafu 6a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***6a. L-użu tad-data msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għall-analiżi tar-riskju awtomatizzata jew mhux awtomatizzata, għat-tfassil ta' profili jew għall-valutazzjoni tar-riskju abbażi ta' tbassir għandu jkun ipprojbit.***

## Emenda 130

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera, ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri, mal-operaturi tal-ajru u ma' aġenziji rilevanti tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku manwal prattiku, li jkun fih linji gwida, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

F'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera, ma' awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri, mal-operaturi tal-ajru u ma' aġenziji rilevanti tal-Unjoni, ***b'mod partikolari l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali***, il-Kummissjoni għandha tħejji u tagħmel disponibbli għall-pubbliku manwal prattiku, li jkun fih linji gwida, rakkomandazzjonijiet u l-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, ***inkluż dwar il-konformità mad-drittijiet fundamentali kif ukoll dwar il-penali f'konformità mal-Artikolu 30.***

**Emenda 131**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 32a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Artikolu 32a***

***Grupp ta' Esperti tal-API***

***1. Għandu jiġi stabbilit Grupp ta' Esperti tal-API b'effett minn [xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] f'konformità mar-regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni. Għandu jiffaċilita l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament u kwistjonijiet relatati miegħu fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati.***

***2. Il-Grupp ta' Esperti tal-API għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-Kummissjoni Ewropea, tal-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, tal-Parlament Ewropew u tal-eu-LISA. Meta rilevanti għat-twettiq tal-kompiti***

*tiegħu, il-Grupp ta' Esperti tal-API jista' jistieden partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari rappreżentanti tal-operaturi tal-ajru, l-EDPS u l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali indipendenti, biex jipparteċipaw fil-ħidma tiegħu. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jippresjedi l-Grupp ta' Esperti tal-API.*

## Emenda 132

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 35 – paragrafu 1**  
Regolament (UE) 2019/817  
Artikolu 39 – paragrafu 2

### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi, timplimenta u tospita fis-siti tekniċi tagħha s-CRRS li jkun fih id-data u ***l-istatistiki*** msemmijin fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2017/2226, l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2018/1240, l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1860, li jkunu separati b'mod loġiku mis-sistema ta' informazzjoni tal-UE. L-eu-LISA għandha tiġbor ukoll id-data u ***l-istatistiki*** mir-router imsemmijin fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) .../... \* [dan ir-Regolament]. L-aċċess għas-CRRS għandu jingħata permezz ta' aċċess sigur ***b'kontroll*** u profili ta' utenti speċifiċi, unikament għall-fini ta' rapportar u ***ta' statistiki***, lill-awtoritajiet imsemmijin fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2017/2226, fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, fl-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2018/1240, fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u fl-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) .../... [dan ir-Regolament].

### *Emenda*

2. L-eu-LISA għandha tistabbilixxi, timplimenta u tospita fis-siti tekniċi tagħha s-CRRS li jkun fih id-data u ***l-istatistika*** msemmijin fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2017/2226, l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2018/1240, l-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2018/1860, li jkunu separati b'mod loġiku mis-sistema ta' informazzjoni tal-UE. L-eu-LISA għandha tiġbor ukoll id-data u ***l-istatistika*** mir-router imsemmijin fl-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) .../... \* [dan ir-Regolament]. L-aċċess għas-CRRS għandu jingħata permezz ta' aċċess sigur ***ikkontrollat*** u profili ta' utenti speċifiċi, unikament għall-fini ta' rapportar u ***statistika***, lill-awtoritajiet imsemmijin fl-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2017/2226, fl-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, fl-Artikolu 84 tar-Regolament (UE) 2018/1240, fl-Artikolu 60 tar-Regolament (UE) 2018/1861 u fl-Artikolu 38(2) tar-Regolament (UE) .../... [dan ir-Regolament]. ***B'mod speċjali l-użu tas-CRRS għall-analiżi tar-riskju, għat-fassil ta' profili jew għall-valutazzjoni tar-riskju abbażi ta' tbassir għandu jkun***

*ipprojbit.*

## Emenda 133

### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Sa [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara din matul il-fażi tal-iżvilupp tar-router, l-eu-LISA għandha tipproduċi rapport, u tippreżentah rispettivament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tar-router. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrbin u dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali li jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 25.

#### *Emenda*

2. Sa [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara din ***id-data*** matul il-fażi tal-iżvilupp tar-router, l-eu-LISA għandha tipproduċi rapport, u tippreżentah rispettivament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tar-router. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrbin u dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali li jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 25. ***Mid-data li fiha r-router jibda jopera u kull sena wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-baġit taħt il-linja baġitarja tal-QFP 4.11.10.02 (“eu-LISA”) ikoprix il-ħtiġijiet meħtieġa għat-tfassil, l-iżvilupp, l-ospitar u l-ġestjoni teknika tajba tar-router u, jekk xieraq, tipproponi minnufih emendi għall-appropriazzjonijiet tal-baġit.***

## Emenda 134

### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 4 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Sa [erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ] u kull erba' snin wara din, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport li jkun fih evalwazzjoni ġenerali ta' dan ir-Regolament, inkluża valutazzjoni ta':

#### *Emenda*

4. Sa [erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ] u kull erba' snin wara din ***id-data***, il-Kummissjoni għandha tipproduċi rapport li jkun fih evalwazzjoni ġenerali ta' dan ir-Regolament, ***li juri n-neċessità u l-valur miżjud tal-ġbir tad-data tal-API***, inkluża

valutazzjoni ta':

### Emenda 135

**Proposta għal regolament  
Artikolu 38 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' passiġġieri leġittimi.**

### Emenda 136

**Proposta għal regolament  
Artikolu 38 – paragrafu 4 – punt cb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(cb) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni u l-piż imġarrab min-negozji. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jindirizza wkoll l-interazzjoni ta' dan ir-Regolament ma' atti leġislattivi rilevanti oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari r-Regolamenti (UE) 2017/2226, (UE) 2018/1240 u (KE) 767/2008, sabiex jivvaluta l-impatt ġenerali tal-obbligi ta' rapportar relatati fuq l-operaturi tal-ajru, jidentifika d-dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu aġġornati u ssimplifikati, meta xieraq, biex jiġi mmitigat il-piż fuq l-operaturi tal-ajru, u jikkunsidra l-azzjonijiet u l-miżuri li jistgħu jittieħdu biex titnaqqas il-pressjoni tal-kostijiet totali fuq l-operaturi tal-ajru.**

### Emenda 137

**Proposta għal regolament  
Artikolu 38 – paragrafu 4a (ġdid)**

**4a. L-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi wkoll valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-inklużjoni tal-avjazzjoni mhux kummerċjali għal skopijiet ta' negozju fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**

## Emenda 138

### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Fuq talba, l-Istati Membri u l-operaturi tal-ajru għandhom jipprovdu lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja għall-abbozzar tar-rapporti msemmijin fil-paragrafi 2, 3 u 4, li jinkludu informazzjoni li ma tikkostitwixxix data personali relatata mar-riżultati tal-iċċekkjar minn qabel tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni u tal-bażijiet tad-data nazzjonali fil-fruntieri esterni mad-data tal-API. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jżommu lura milli jipprovdu tali informazzjoni jekk, u sa fejn ikun neċessarju sabiex ma jiġux żvelati metodi ta' ħidma kunfidenzjali jew jiġu pperikolati investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali pprovduta tkun protetta kif xieraq.

Emenda

6. Fuq talba, l-Istati Membri u l-operaturi tal-ajru għandhom jipprovdu lill-eu-LISA u lill-Kummissjoni bl-informazzjoni neċessarja għall-abbozzar tar-rapporti msemmijin fil-paragrafi 2, 3 u 4, li jinkludu informazzjoni li ma tikkostitwix data personali relatata mar-riżultati tal-iċċekkjar minn qabel tas-sistemi ta' informazzjoni tal-Unjoni u tal-bażijiet tad-data nazzjonali fil-fruntieri esterni mad-data tal-API. **B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jipprovdu informazzjoni kwantitattiva u kwalitattiva dwar in-neċessità u l-valur miżjud tal-ġbir tad-data tal-API minn perspettiva operazzjonali.** Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jżommu lura milli jipprovdu tali informazzjoni jekk, u sa fejn ikun neċessarju sabiex ma jiġux żvelati metodi ta' ħidma kunfidenzjali jew jiġu pperikolati investigazzjonijiet li jkunu għaddejjin tal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali pprovduta tkun protetta kif xieraq.

## NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-Regolament jaġġorna u jissostitwixxi d-Direttiva 2004/82/KE, il-qafas legali eżistenti dwar id-data tal-API li għandu l-intenzjoni li jiffaċilita l-kontrolli fil-fruntieri esterni, jiġġieled l-immigrazzjoni illegali u jżid is-sigurtà interna. Filwaqt li d-Direttiva 2004/82/KE wriet li hija effettiva biex jitjiebu l-kontrolli fil-fruntieri, l-applikazzjoni diverġenti tagħha fil-livell nazzjonali ħolqot inkonsistenzi, li issa qed jiġu indirizzati mir-regoli l-ġodda proposti mill-Kummissjoni.

B'mod aktar speċifiku, dan ir-Regolament jintroduċi:

- 1) dispożizzjonijiet għall-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API mill-operaturi tal-ajru lir-router, regoli għall-ipproċessar tad-data tal-API mill-awtoritajiet kompetenti u l-ħżin u t-tħassir tad-data tal-API kemm mill-operaturi tal-ajru kif ukoll mill-awtoritajiet kompetenti;
- 2) l-istabbiliment ta' punt uniku ta' riċeviment u distribuzzjoni ulterjuri tad-data, ir-router, li se jiġi ġestit mill-eu-LISA; barra minn hekk regoli dwar l-użu tar-router, dwar it-tħassir tad-data tal-API mir-router u l-proċedura f'każ ta' impossibbiltajiet tekniċi biex jintuża r-router;
- 3) dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll is-sigurtà u l-awtomonitoraġġ mill-operaturi tal-ajru u mill-awtoritajiet kompetenti;
- 4) regoli u kundizzjonijiet dwar il-possibbiltà ta' użu volontarju inizjali tar-router mill-operaturi tal-ajru, qabel ma l-applikazzjoni tiegħu ssir obbligatorja;
- 5) rekwiżiti dwar is-superviżjoni u penali possibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità mill-operaturi tal-ajru.

Dan ir-Regolament jinkludi wkoll dispożizzjonijiet baġitarji li se jiffinanzjaw l-istabbiliment u l-funzjonament tar-router u l-kostijiet imġarrbin mill-Istati Membri (b'xi eċċezzjonijiet) b'rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħhom mar-router, taħt il-baġit tal-Unjoni.

### Pożizzjoni tar-Rapporteur

Dan ir-Regolament għandu jippermetti wkoll lill-awtoritajiet jistmaw minn qabel il-kapaċità ta' kontroll meħtieġa fl-ajruporti u għandu jippermetti lill-operaturi tal-ajru jipproċessaw l-informazzjoni u ċ-check-in b'mod aktar effiċjenti u mgħaġġel. Ir-rapporteur jilqa' dan il-metodu simplifikat u aktar sempliċi għall-operaturi tal-ajru biex jipprovdu d-data tal-API permezz ta' sistema ċentralizzata. Huwa jikkondividi wkoll il-fehma li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni jistgħu jkunu għodda utli biex jiġu mmitigati l-iżbalji u l-passiġġieri jkun jista' jkollhom esperjenza aħjar tal-ivvjaġġar. Madankollu, dan ir-Regolament għandu jevita milli jxekkel l-esperjenza tal-ivvjaġġar tal-vjaġġatur leġittimu. F'dak is-sens, ġiet introdotta kjarifika dwar il-possibbiltà ta' check-in online, kif ukoll restrizzjoni milli jiġu applikati tariffi għall-passiġġieri meta d-data tiġi pprovduta l-ajruport.

Ir-rapporteur jikkondividi wkoll l-intenzjoni li tiġi żgurata data tal-API ta' kwalità aħjar sabiex jiġu ffaċilitati l-verifiki fil-fruntieri esterni, filwaqt li jissottolinja l-ħtieġa li jiġi rispettata bis-sħiħ id-dritt fundamentali taċ-ċittadini għall-protezzjoni tad-data. Fid-dawl tan-natura sensittiva tad-data personali, ġie introdott ir-rekwiżit li tiġi kriptata d-data tal-API meta tiġi ttrasferita mill-operatur tal-ajru għar-router u ulterjorment għal għand l-awtoritajiet

kompetenti. Ir-rapporteur jipproponi wkoll restrizzjoni ċara tal-użu ta' data statistika għal skopijiet definiti speċifiċi fl-Artikolu 31. Għal raġunijiet ta' koerenza u proporzjonalità, ir-rapporteur għandu wkoll l-intenzjoni li jeskludi kemm il-membri tal-ekwipaġġ kif ukoll il-passiġġieri fi tranżitu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapporteur jemmen li din il-leġiżlazzjoni għandha tiffaċilita l-ivvjaġġar tal-persuni, b'ħinijiet iqsar fl-iżbark u fil-punti fiżiċi ta' verifika fil-fruntieri. Għalhekk, ir-rapporteur jintroduċi dispożizzjoni fl-Artikolu 38 li timponi rekwiżit fuq il-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-esperjenza tal-ivvjaġġar tal-vjaġġaturi. Jappella wkoll għall-istabbiliment ta' grupp ta' kuntatt tal-API, biex jissaħħu l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fost l-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u l-partijiet ikkonċernati. Ir-rapporteur jifhem li f'ċerti każijiet l-operaturi tal-ajru jista' jkollhom bżonn iżommu r-reġistrazzjonijiet għal żmien itwal minn dak għall-proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgurar tas-sigurtà u l-integrità tad-data tal-API jew il-legalità tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar. Peress li r-raġunijiet għall-estensjoni tal-perjodu ta' ħżin temporanju ma ġewx iċċarati biżżejjed fir-rigward tal-iskop ta' dan ir-Regolament, ir-rapporteur jippreferi jillimita l-perjodu taż-żamma tad-data kemm għall-operaturi tal-ajru kif ukoll għall-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera għal 24 siegħa.

Fir-rigward tal-penali imposti fuq l-operaturi tal-ajru għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi kif stabbiliti f'dan ir-Regolament, ir-rapporteur jikkondividi l-intenzjoni li dawn isiru effettivi u dissważivi, iżda jippreferi jintroduċi limitu għall-penali massimi sabiex l-proporzjonalità tiġi żgurata bis-sħiħ. Ir-rapporteur jemmen li l-approprijazzjoni finanzjarja għall-funzjonament tar-router se tiddetermina s-suċċess tiegħu, għalhekk l-eu-LISA għandha tingħata r-riżorsi meħtieġa. Barra minn hekk, fid-dawl taż-żieda mistennija fil-kompiti għall-EDPS u l-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-data, ir-rapporteur jinkludi dispożizzjonijiet rigward il-kopertura tal-kostijiet imġarrbin minnhom ukoll.

Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet u r-referenzi relatati ma' titjiriet intra-UE fir-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], ir-rapporteur jippreferi jneħħihom mit-test peress li huwa dubjuż jekk il-mekkaniżmu ta' filtrazzjoni propost tar-router jikkonformax bis-sħiħ mar-rekwiżiti tas-sentenza tal-*Ligue des droits humains*. Barra minn hekk, huwa tal-opinjoni li dispożizzjonijiet separati dwar in-nondiskriminazzjoni u r-rimedji legali huma salvagwardji essenzjali tad-drittijiet fundamentali li japplikaw orizzontalment.

Barra minn hekk, ir-rapporteur iqis li l-obbligu li tiġi pprovduta data tal-API ma għandux jiġi estiż għal mezzi oħra tat-trasport. Bħala tali, huwa ma jaqbilx mal-introduzzjoni ta' klawżola ta' ftuħ fil-Premessa 35, kif propost mill-Kummissjoni.



**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tnejn tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Airlines for Europe IATA Is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew Bundeskriminalamt, Unità tal-Infurmazzjoni għall-Passiġġieri, il-Ġermanja Assoċjazzjoni tad-Drittijiet Fundamentali BEUC – L-Organizzazzjoni Ewropea tal-Konsumaturi Ministeru Federali għall-Ġustizzja

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

19.7.2023

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAT-TRASPORT U T-TURIŻMU

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE (COM(2022)0729 – C9-0428 – 2022/0424(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Jan-Christoph Oetjen

### ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Dan ir-Regolament jaġġorna u jissostitwixxi d-Direttiva 2004/82/KE, il-qafas legali eżistenti dwar id-data tal-API li jiffaċilita l-kontrolli fil-fruntieri esterni, jiġġieled l-immigrazzjoni illegali u jżid is-sigurtà interna.

Filwaqt li d-Direttiva 2004/82/KE wriet li hija effettiva biex jitjiebu l-kontrolli fil-fruntieri, l-applikazzjoni diverġenti tagħha fil-livell nazzjonali ħolqot inkonsistenzi. L-inkonsistenzi se jiġu indirizzati bir-regoli l-ġodda stabbiliti mill-proposta għar-Regolament.

B'mod aktar speċifiku, dan ir-Regolament jintroduċi:

- 1 dispożizzjonijiet għall-ġbir u t-trasferiment tad-data tal-API mill-operaturi tal-ajru lir-router, ir-regola għall-ipproċessar tad-data tal-API mill-awtoritajiet kompetenti u l-ħżin u t-tħassir tad-data tal-API kemm mit-trasportaturi bl-ajru kif ukoll mill-awtoritajiet kompetenti;
- 2 l-istabbiliment ta' punt uniku ta' riċeviment u distribuzzjoni ulterjuri tad-data, ir-router, li se jkun ġestit minn Aġenzija tal-UE, eu-LISA, ir-regoli dwar l-użu tar-router, dwar it-tħassir tad-data tal-API mir-router u l-proċedura f'każ ta' impossibbiltà teknika parzjali jew sħiħa li jintuża r-router;
- 3 dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data personali, kif ukoll is-sigurtà u l-awtomonitoraġġ mit-trasportaturi tal-ajru u mill-awtoritajiet kompetenti.
- 4 ir-regoli u l-kundizzjonijiet dwar il-possibbiltà ta' użu volontarju inizjali tar-router mit-trasportaturi tal-ajru, qabel l-applikazzjoni obbligatorja tiegħu;
- 5 rekwiżiti dwar is-superviżjoni u l-penali possibbli f'każ ta' nuqqas ta' konformità mit-trasportaturi tal-ajru.

Dan ir-Regolament jinkludi wkoll dispożizzjonijiet baġtarji li se jiffinanzjaw l-istabbiliment u l-funzjonament tar-router u l-kostijiet imġarrba mill-Istati Membri (b'xi eċċezzjonijiet) b'rabta mal-konnessjonijiet u l-integrazzjoni tagħhom mar-router, skont il-baġit tal-Unjoni.

## **Il-pożizzjoni tar-Rapporteur**

Ir-Rapporteur jilqa' dan il-metodu simplifikat u aktar sempliċi għat-trasportaturi tal-ajru biex jipprovdu data tal-API, speċjalment permezz ta' sistema ċentralizzata. Huwa jikkondividi wkoll il-fehma li d-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni jistgħu jkunu għodda utli biex jitnaqqsu l-iżbalji u biex il-vjaġġaturi leġittimi jkollhom esperjenza aħjar tal-ivvjaġġar.

Ir-Rapporteur jikkondividi wkoll il-ħtieġa li tiġi żgurata data tal-API ta' kwalità aħjar għall-infurzar tal-liġi, b'rispett sħiħ għall-protezzjoni tad-data personali. Madankollu, dan ir-Regolament għandu jevita milli jxekkel l-esperjenza tal-ivvjaġġar tal-vjaġġatur leġittimu. Dan għandu jippermetti wkoll lill-awtoritajiet jistmaw minn qabel il-kapaċità ta' kontroll meħtieġa fl-ajruporti u għandu jippermetti lit-trasportaturi tal-ajru jipproċessaw l-informazzjoni fi-check-in b'mod aktar effiċjenti u rapidu. Ir-Rapporteur jemmen li din il-leġiżlazzjoni għandha tiffaċilita l-ivvjaġġar tal-persuni, b'ħinijiet iqsar fl-iżbark u fil-punti fiżiċi ta' kontroll fuq il-fruntiera. Għalhekk, ir-Rapporteur jintroduċi dispożizzjoni fl-Artikolu 8(1) li tippermetti l-użu tad-data tal-API mit-trasportaturi tal-ajru biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar, f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data. Ir-Rapporteur jintroduċi wkoll dispożizzjoni fl-Artikolu 38, li timponi rekwiżit fuq il-Kummissjoni biex twettaq valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-esperjenza tal-ivvjaġġar tal-vjaġġaturi.

Ir-Rapporteur jifhem li f'ċerti każijiet it-trasportaturi tal-ajru jista' jkollhom bżonn iżommu r-reġistrazzjonijiet għal aktar żmien milli għall-proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgurar tas-sigurtà u l-integrità tad-data tal-API jew il-legalità tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar. Madankollu, sabiex jiġi evitat kwalunkwe żball jew abbuż, it-trasportaturi tal-ajru għandhom jinfurmaw u jiġġustifikaw lill-Kummissjoni r-raġuni għaliex ir-reġistrazzjonijiet qed jinżammu għal aktar żmien.

Ir-Rapporteur jemmen li l-approprijazzjoni finanzjarja għall-funzjonament tar-router se tiddetermina s-suċċess tiegħu, għalhekk l-eu-LISA għandha tingħata r-riżorsi meħtieġa taħt il-baġit tal-Unjoni.

## EMENDI

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin fir-rapport:

Il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 8

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Fl-interess tal-effettività u taċ-ċertezza legali, il-punti ta' informazzjoni li flimkien jikkostitwixxu d-data tal-API li għandha tinġabar u sussegwentement tiġi ttrasferita skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu elenkati b' mod ċar u eżawrjenti, filwaqt li jiġu koperti kemm l-informazzjoni relatata ma' kull vjaġġatur kif ukoll l-informazzjoni dwar it-titjira ta' dak il-vjaġġatur. Jenħtieġ li t-tali informazzjoni dwar it-titjira tkopri informazzjoni dwar il-punt ta' qsim tal-fruntiera tad-dħul fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat fil-każijiet kollha koperti minn dan ir-Regolament, iżda jenħtieġ li dik l-informazzjoni tinġabar biss meta applikabbli skont ir-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], ***jiġifieri mhux meta d-data tal-API tkun relatata ma' titjiriet intra-UE.***

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament

##### Premessa 8a (ġdida)

###### *Test propost mill-Kummissjoni*

###### *Emenda*

(8) Fl-interess tal-effettività u taċ-ċertezza legali, il-punti ta' informazzjoni li flimkien jikkostitwixxu d-data tal-API li għandha tinġabar u sussegwentement tiġi ttrasferita skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu elenkati b' mod ċar u eżawrjenti, filwaqt li jiġu koperti kemm l-informazzjoni relatata ma' kull vjaġġatur kif ukoll l-informazzjoni dwar it-titjira ta' dak il-vjaġġatur. Jenħtieġ li t-tali informazzjoni dwar it-titjira tkopri informazzjoni dwar il-punt ta' qsim tal-fruntiera tad-dħul fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat fil-każijiet kollha koperti minn dan ir-Regolament, iżda jenħtieġ li dik l-informazzjoni tinġabar biss meta applikabbli skont ir-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API].

***(8a) Meta jkun fattibbli mil-lat tekniku u operazzjonali, ir-router jenħtieġ li jippermetti l-użu ta' psewdonimizzazzjoni***

### **Emenda 3**

#### **Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(12a) Is-sistemi ta' ġbir awtomatiku tad-data u proċessi oħra stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jkollhomx impatt negattiv fuq l-impjegati fl-industrija tal-avjazzjoni, li jenħtieġ li jibbenefikaw minn opportunitajiet ta' titjib u tiġdid tal-ħiliet li jżidu l-effiċjenza u l-affidabbiltà tal-ġbir u t-trasferiment tad-data kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur.*

### **Emenda 4**

#### **Proposta għal regolament Premessa 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(13) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-iċċekkjar minn qabel imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri jkunu effettivi u effiċjenti, jenħtieġ li d-data tal-API ttrasferita lil dawk l-awtoritajiet ikun fiha data tal-vjaġġaturi li effettivament ikunu se jaqsmu l-fruntieri esterni, jiġifieri ta' vjaġġaturi li jkunu effettivament abbord l-inġenju tal-ajru. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jittrasferixxu d-data tal-API direttament wara l-għeluq tat-titjira. Barra minn hekk, id-data tal-API tgħin lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jiddistingwu lill-vjaġġaturi leġittimi mill-vjaġġaturi li jistgħu jkunu ta' interess u, għalhekk, jistgħu jkunu jeħtieġu verifiki addizzjonali, li jkunu jeħtieġu aktar koordinazzjoni u tnejjija ta' miżuri ta' segwitu li jittieħdu mal-wasla. Dan jista'

(13) Bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-iċċekkjar minn qabel imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri jkunu effettivi u effiċjenti, jenħtieġ li d-data tal-API ttrasferita lil dawk l-awtoritajiet ikun fiha data tal-vjaġġaturi li effettivament ikunu se jaqsmu l-fruntieri esterni, jiġifieri ta' vjaġġaturi li jkunu effettivament abbord l-inġenju tal-ajru. Għalhekk, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jittrasferixxu d-data tal-API direttament wara l-għeluq tat-titjira. Barra minn hekk, id-data tal-API tgħin lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jiddistingwu lill-vjaġġaturi leġittimi mill-vjaġġaturi li jistgħu jkunu ta' interess u, għalhekk, jistgħu jkunu jeħtieġu verifiki addizzjonali, li jkunu jeħtieġu aktar koordinazzjoni u tnejjija ta' miżuri ta' segwitu li jittieħdu mal-wasla. Dan jista'

jseħħ, pereżempju, f'każijiet ta' numru mhux mistenni ta' vjaġġaturi ta' interess li l-iċċekkjar fiżiku tagħhom fil-fruntieri jkun jista' jaffettwa b'mod negattiv l-iċċekkjar fil-fruntieri u l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri ta' vjaġġaturi leġittimi oħrajn. Li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jġu pprovduti b'opportunità li jħejju miżuri adegwati u proporzjonati fil-fruntiera, bħar-rinforz jew ir-riorganizzazzjoni temporanja tal-persunal, b'mod partikolari għal titjiriet li fihom il-ħin bejn l-għeluq tat-titjira u l-wasla fil-fruntieri esterni ma jkunx biżżejjed sabiex jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jħejju l-aktar rispons xieraq, jenħtieġ li d-data tal-API tiġi trażmessa wkoll qabel l-imbark, fil-mument taċ-check-in ta' kull vjaġġatur.

jseħħ, pereżempju, f'każijiet ta' numru mhux mistenni ta' vjaġġaturi ta' interess li l-iċċekkjar fiżiku tagħhom fil-fruntieri jkun jista' jaffettwa b'mod negattiv l-iċċekkjar fil-fruntieri u l-ħinijiet ta' stennija fil-fruntieri ta' vjaġġaturi leġittimi oħrajn. Li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jġu pprovduti b'opportunità li jħejju miżuri adegwati u proporzjonati fil-fruntiera, bħar-rinforz jew ir-riorganizzazzjoni temporanja tal-persunal, b'mod partikolari għal titjiriet li fihom il-ħin bejn l-għeluq tat-titjira u l-wasla fil-fruntieri esterni ma jkunx biżżejjed sabiex jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jħejju l-aktar rispons xieraq, jenħtieġ li d-data tal-API tiġi trażmessa wkoll qabel l-imbark, fil-mument taċ-check-in ta' kull vjaġġatur. ***Sabiex jitnaqqas l-impatt fuq l-operaturi tal-ajru, u bil-ħsieb li jinħolqu sinerġiji ma' obbligi oħra ta' rapportar fuq l-operaturi tal-ajru fir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008 u tiġi evitata d-duplikazzjoni, l-operaturi tal-ajru jenħtieġ li jittrasferixxu d-data tal-API fil-mument taċ-check-in ta' kull vjaġġatur permezz ta' API interattiva f'konformità mal-istandards internazzjonali, bl-użu tal-portal għall-operaturi eżistenti. L-operaturi tal-ajru jenħtieġ li jirċievu tveġiba sinifikattiva għat-trasferiment ta' API interattiva f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008.***

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 13a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(13a) Bil-ħsieb li jiġi ggarantit l-issodisfar tad-drittijiet previsti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u li jġu***

*żgurati għażliet tal-ivvjaġġar aċċessibbli u inklużivi, speċjalment għall-gruppi vulnerabbli u l-persuni b'diżabilità, l-operaturi tal-ajru, bl-appoġġ tal-Istati Membri, jenħtieġ li jiżguraw li tkun possibbli f'kull ħin alternattiva offline għaċ-check-in u għall-forniment tad-data meħtieġa mill-passiġġieri.*

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Premessa 13b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(13b) Sabiex tittejjeb il-kwalità tad-data, ir-router jenħtieġ li jivverifika jekk id-data tal-API ttrasferita lilu mill-operaturi tal-ajru tikkonformax mal-formati tad-data appoġġati. Meta r-router ikun ivverifika li d-data mhijiex konformi mal-formati tad-data appoġġati, ir-router jenħtieġ li, immedjatament u b'mod awtomatizzat, jinnotifika lit-trasportatur tal-ajru kkonċernat.*

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 15a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15a) Jenħtieġ li dan ir-Regolament ikun soġġett għal evalwazzjonijiet regolari biex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-applikazzjoni effettiva tiegħu. B'mod partikolari, jenħtieġ li l-ġbir tad-data tal-API ma jkunx għad-detriment tal-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' vjaġġaturi leġittimi. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinkludi fir-rapporti ta' evalwazzjoni regolari tagħha dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament valutazzjoni tal-impatt ta' dan ir-*

*Regolament fuq l-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' vjaġġaturi leġittimi.*

## **Emenda 8**

**Proposta għal regolament  
Premessa 15b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(15b) Minħabba li dan ir-Regolament se jirrikjedi kostijiet ta' aġġustament u kostijiet amministrattivi addizzjonali, jenħtieġ li l-piż regolatorju ġenerali għas-settur tal-avjazzjoni jinżamm taħt rieżami mill-qrib. F'dan l-isfond, ir-rapport li jevalwa l-funzjonament ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jivvaluta l-punt sa fejn ikunu ntlaħqu l-objettivi ta' dan ir-Regolament u sa liema punt dan kellu impatt fuq il-kompetittività tas-settur. Għalhekk, jenħtieġ li r-rapport tal-Kummissjoni jwettaq ukoll valutazzjoni olistika u jirreferi għall-interazzjoni ta' dan ir-Regolament ma' atti leġiżlattivi rilevanti oħra tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008. Ir-rapport jenħtieġ li jivvaluta l-impatt ġenerali tal-obbligi ta' rapportar relatati fuq it-trasportaturi tal-ajru, filwaqt li jidentifika d-dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu aġġornati u ssimplifikati, fejn xieraq, biex jittaffa l-piż fuq it-trasportaturi tal-ajru, kif ukoll l-azzjonijiet u l-miżuri li jkun tteħdu jew li jistgħu jittieħdu biex titnaqqas il-pressjoni tal-kostijiet totali fuq is-settur tal-avjazzjoni.*

## **Emenda 9**

**Proposta għal regolament  
Premessa 16**



(16) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jkollhom biżżejjed żmien sabiex iwettqu l-iċċekkjar minn qabel b'mod effettiv fuq il-vjaġġaturi kollha, inklużi l-vjaġġaturi fuq titjiriet fit-tul u dawk li jivvjaġġaw fuq titjiriet konnessi, kif ukoll biżżejjed żmien sabiex jiżguraw li d-data tal-API miġbura u ttrasferita mill-operaturi tal-ajru tkun kompluta, preċiża u aġġornata, u meta neċessarju sabiex jitolbu kjarifiki, korrezzjonijiet jew ikkompletar addizzjonali mill-operaturi tal-ajru, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jaħżnu d-data tal-API li jirċievu skont dan ir-Regolament għal perjodu ta' żmien fiss li jibqa' limitat għal dak li jkun strettament neċessarju għal dawk l-għanijiet. Bl-istess mod, sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għal talbiet bħal dawn, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jaħżnu d-data tal-API li jkunu ttrasferew skont dan ir-Regolament għall-istess perjodu ta' żmien fiss u strettament neċessarju.

(16) Sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jkollhom biżżejjed żmien sabiex iwettqu l-iċċekkjar minn qabel b'mod effettiv fuq il-vjaġġaturi kollha, inklużi l-vjaġġaturi fuq titjiriet fit-tul u dawk li jivvjaġġaw fuq titjiriet konnessi, kif ukoll biżżejjed żmien sabiex jiżguraw li d-data tal-API miġbura u ttrasferita mill-operaturi tal-ajru tkun kompluta, preċiża u aġġornata, u meta neċessarju sabiex jitolbu kjarifiki, korrezzjonijiet jew ikkompletar addizzjonali mill-operaturi tal-ajru, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera jaħżnu d-data tal-API li jirċievu skont dan ir-Regolament għal perjodu ta' żmien fiss li jibqa' limitat għal dak li jkun strettament neċessarju għal dawk l-għanijiet. Bl-istess mod, sabiex ikunu jistgħu jwieġbu għal talbiet bħal dawn, jenħtieġ li l-operaturi tal-ajru jaħżnu d-data tal-API li jkunu ttrasferew skont dan ir-Regolament għall-istess perjodu ta' żmien fiss u strettament neċessarju. ***Lil hinn minn dan, u bil-ħsieb li tittiejeb l-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' vjaġġaturi leġittimi, it-trasportaturi tal-ajru jenħtieġ li jkunu jistgħu jżommu u jużaw id-data tal-API fejn meħtieġ għall-funzjonament regolari tan-negozju tagħhom b'mod partikolari biex jiġi ffaċilitat l-ivvjaġġar, f'konformità mal-liġi applikabbli u b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679.***

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament Premessa 17**

(17) Sabiex jiġi evitat li l-operaturi tal-ajru jkollhom jistabbilixxu u jżommu konnessjonijiet multipli mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tal-Istati Membri

(17) Sabiex jiġi evitat li l-operaturi tal-ajru jkollhom jistabbilixxu u jżommu konnessjonijiet multipli mal-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera tal-Istati Membri

għat-trasferiment tad-data tal-API miġbura skont dan ir-Regolament u l-inefficijenzi u r-riskji għas-sigurtà relatati, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal router wieħed, maħluq u mħaddem fil-livell tal-Unjoni, li jservi bħala punt ta' konnessjoni u ta' distribuzzjoni għal dawk it-trasferimenti. Fl-interess tal-efficijenza u tal-kosteffettività, jenħtieġ li r-router, sa fejn ikun teknikament possibbli u b'rispett sħiħ tar-regoli ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], jiddependi fuq komponenti tekniċi minn sistemi rilevanti oħrajn maħluqin skont id-dritt tal-Unjoni.

għat-trasferiment tad-data tal-API miġbura skont dan ir-Regolament u l-inefficijenzi u r-riskji għas-sigurtà relatati, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni għal router wieħed, maħluq u mħaddem fil-livell tal-Unjoni, li jservi bħala punt ta' konnessjoni u ta' distribuzzjoni għal dawk it-trasferimenti. Fl-interess tal-efficijenza u tal-kosteffettività, jenħtieġ li r-router, sa fejn ikun teknikament possibbli u b'rispett sħiħ tar-regoli ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], jiddependi fuq komponenti tekniċi minn sistemi rilevanti oħrajn maħluqin skont id-dritt tal-Unjoni, ***b'mod partikolari s-servizz web imsemmi fir-Regolament (UE) 2017/2226, il-portal għall-operaturi msemmi fir-Regolament (UE) 2018/1240 u l-portal għall-operaturi msemmi fir-Regolament (KE) 767/2008. Sabiex jitnaqqas l-impatt fuq l-operaturi tal-ajru u jiġi żgurat approċċ armonizzat lejn l-operaturi tal-ajru, jenħtieġ li l-eu-LISA tfassal ir-router, sa fejn ikun possibbli mil-lat tekniku u operazzjonali, b'mod li jkun koerenti u konsistenti mal-obbligi imposti fuq l-operaturi tal-ajru mir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008.***

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 17a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(17a) Bil-ħsieb li jiġu żgurati kwalità u preċiżjoni akbar tad-data, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat l-istabbiliment ta' sistemi ta' validazzjoni tad-dokumenti tal-ivvjaġġar li jkun jistgħu jivverifikaw awtomatikament id-data tal-passiġġieri ppreżentata mill-operaturi.***

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Premessa 19

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(19) Jenħtieġ li r-router iservi biss sabiex jiffaċilita t-trażmissjoni tad-data tal-API mill-operaturi tal-ajru lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera f'konformità ma' dan ir-Regolament u lill-PIUs f'konformità mar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], u jenħtieġ li ma jkunx repożitorju tad-data tal-API. Għalhekk, u sabiex jiġi mminimizzat kwalunkwe riskju ta' aċċess mhux awtorizzat jew ta' użu ħażin ieħor u f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, jenħtieġ li kwalunkwe ħażin tad-data tal-API fuq ir-router jibqa' limitat għal dak li jkun strettament neċessarju għal finijiet tekniċi relatati mat-trażmissjoni u jenħtieġ li d-data tal-API titħassar mir-router, immedjatament, b'mod permanenti u awtomatizzat, mill-mument li t-trażmissjoni tkun tlestiet *jew, meta rilevanti skont ir-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], id-data tal-API ma għandhiex tiġi trażmessa affattu.*

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Premessa 22

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Jenħtieġ li r-router li għandu jinħoloq u jitħaddem skont dan ir-Regolament inaqqas u jissimplifika l-konnessjonijiet tekniċi meħtieġa għat-trasferiment tad-data tal-API, billi jillimitahom għal konnessjoni waħda għal kull operatur tal-ajru u għal kull awtorità kompetenti tal-fruntiera. Għalhekk, dan ir-Regolament jipprevedi l-obbligu għall-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera u

##### *Emenda*

(19) Jenħtieġ li r-router iservi biss sabiex jiffaċilita t-trażmissjoni tad-data tal-API mill-operaturi tal-ajru lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntiera f'konformità ma' dan ir-Regolament u lill-PIUs f'konformità mar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], u jenħtieġ li ma jkunx repożitorju tad-data tal-API. Għalhekk, u sabiex jiġi mminimizzat kwalunkwe riskju ta' aċċess mhux awtorizzat jew ta' użu ħażin ieħor u f'konformità mal-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-data, jenħtieġ li kwalunkwe ħażin tad-data tal-API fuq ir-router jibqa' limitat għal dak li jkun strettament neċessarju għal finijiet tekniċi relatati mat-trażmissjoni u jenħtieġ li d-data tal-API titħassar mir-router, immedjatament, b'mod permanenti u awtomatizzat, mill-mument li t-trażmissjoni tkun tlestiet.

għall-operaturi tal-ajru li kull wieħed minnhom jistabbilixxi tali konnessjoni mar-router u jikseb l-integrazzjoni meħtieġa miegħu, sabiex jiġi żgurat li s-sistema għat-trasferiment tad-data tal-API stabbilita minn dan ir-Regolament tkun tista' tiffunzjona kif suppost. Sabiex dawk l-obbligi jsiru effettivi u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu ssupplimentati b'regoli dettaljati.

għall-operaturi tal-ajru li kull wieħed minnhom jistabbilixxi tali konnessjoni mar-router u jikseb l-integrazzjoni meħtieġa miegħu, sabiex jiġi żgurat li s-sistema għat-trasferiment tad-data tal-API stabbilita minn dan ir-Regolament tkun tista' tiffunzjona kif suppost. ***It-tfassil u l-iżvilupp tar-router mill-eu-LISA jenħtieġ li jippermettu l-konnessjoni u l-integrazzjoni effettivi u effiċjenti tas-sistemi u l-infrastruttura tat-trasportaturi tal-ajru billi jipprevedu l-istandards u r-rekwiżiti tekniċi rilevanti kollha.*** Sabiex dawk l-obbligi jsiru effettivi u sabiex jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu ssupplimentati b'regoli dettaljati.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Premessa 23

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(23) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, jenħtieġ li l-kostijiet imġarrbin mill-eu-LISA għat-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API] fir-rigward tar-router jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-istess ikun japplika għall-kostijiet xierqa mġarrbin mill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjonijiet u tal-integrazzjoni tagħhom mar-router, kif meħtieġ skont dan ir-Regolament u f'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli, soġġetti għal ċerti eċċezzjonijiet. Jenħtieġ li l-kostijiet koperti minn dawk l-eċċezzjonijiet jitħallsu minn kull Stat Membru kkonċernat innifsu.

#### *Emenda*

(23) Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, jenħtieġ li l-kostijiet imġarrbin mill-eu-LISA għat-twettiq tal-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API] fir-rigward tar-router jiġġarrbu mill-baġit tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-istess ikun japplika għall-kostijiet xierqa mġarrbin mill-Istati Membri fir-rigward tal-konnessjonijiet u tal-integrazzjoni tagħhom mar-router, kif meħtieġ skont dan ir-Regolament u f'konformità mal-leġislazzjoni applikabbli, soġġetti għal ċerti eċċezzjonijiet. Jenħtieġ li l-kostijiet koperti minn dawk l-eċċezzjonijiet jitħallsu minn kull Stat Membru kkonċernat innifsu. ***Il-baġit tal-Unjoni jenħtieġ li jkopri wkoll l-appoġġ, bħat-taħriġ, previst mill-eu-LISA lit-trasportaturi tal-ajru u lill-PIUs biex jippermetti t-trasferiment u t-trażmissjoni effettivi tad-data tal-API permezz tar-router.***

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Premessa 28a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(28a) Meta jipprevedu l-penali applikabbli għall-operaturi tal-ajru skont dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu jekk huwiex fattibbli mill-lat tekniku, operazzjonali u ekonomiku li jiżguraw il-preċiżjoni sħiħa tad-data. Barra minn hekk, meta jiġu imposti multi, l-applikazzjoni u l-valur tagħhom jenħtieġ li jiġu stabbiliti billi jitqiesu l-azzjonijiet meħuda mill-operatur tal-ajru biex itaffi l-kwistjoni kif ukoll in-nuqqas ripetut tiegħu li jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali.**

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-operaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API kemm fil-mument taċ-check-in kif ukoll immedjatament wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri ladarba l-passiġġieri jkunu imbarkaw l-inġenju tal-ajru bi tħejjija għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli għall-passiġġieri li jitolgħu abbord jew joħorġu mill-inġenju tal-ajru.

2. L-operaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API kemm fil-mument taċ-check-in kif ukoll immedjatament wara l-għeluq tat-titjira, jiġifieri ladarba l-passiġġieri jkunu imbarkaw l-inġenju tal-ajru bi tħejjija għat-tluq u ma jkunx għadu possibbli għall-passiġġieri li jitolgħu abbord jew joħorġu mill-inġenju tal-ajru. **Fil-mument taċ-check-in, l-operaturi tal-ajru għandhom jittrasferixxu d-data tal-API permezz ta' API interattiva f'konformità mal-istandards internazzjonali. Meta operatur tal-ajru jittrasferixxi d-data tal-API permezz ta' API interattiva, għandu jirċievu tweġiba sinifikattiva f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-**

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Ir-router għandu jivverifika jekk id-data tal-API ttrasferita lilu f'konformità mal-paragrafu 1 tikkonformax mar-regoli dettaljati dwar il-formati tad-data appoġġati. Meta r-router ikun ivverifika li d-data mhijiex konformi mar-regoli dettaljati, ir-router għandu, immedjatament u b'mod awtomatizzat, jinnotifika lill-operatur tal-ajru kkonċernat.**

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament Artikolu 6 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati neċessarji dwar il-protokolli komuni u l-formati tad-data appoġġati li għandhom jintużaw għat-trasferimenti tad-data tal-API lir-router imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 37 sabiex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-regoli dettaljati neċessarji dwar il-protokolli komuni u l-formati tad-data appoġġati li għandhom jintużaw għat-trasferimenti tad-data tal-API lir-router imsemmi fil-paragrafu 1, **inkluż l-użu ta' API interattiva għat-trasferiment tad-data tal-API fil-mument taċ-check-in.**

## **Emenda 19**

### **Proposta għal regolament Artikolu 8 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-operaturi tal-ajru għandhom jaħżnu, għal perjodu ta' żmien ta' 48 siegħa mill-mument tat-tluq tat-titjira, id-data tal-API relatata ma' dak il-passiġġier li jkunu għabru skont l-Artikolu 4. Għandhom immedjatament u b'mod permanenti jħassru dik id-data tal-API wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien.

*Emenda*

1. L-operaturi tal-ajru għandhom jaħżnu, għal perjodu ta' żmien ta' 48 siegħa mill-mument tat-tluq tat-titjira, id-data tal-API relatata ma' dak il-passiġġier li jkunu għabru skont l-Artikolu 4. Għandhom immedjatament u b'mod permanenti jħassru dik id-data tal-API wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu ta' żmien. ***Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-operaturi tal-ajru jżommu u jużaw id-data, meta jkun neċessarju, għall-perkors normali tan-negożju tagħhom u partikolarment għall-faċilitazzjoni tal-ivvjaġġar, f'konformità mal-liġi applikabbli u b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2016/679.***

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, ir-router għandu, sa fejn ikun teknikament possibbli, jaqsam u jerġa' juża l-komponenti tekniċi, inklużi l-komponenti tal-hardware u tas-software, tas-servizz tal-web imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup>, il-portal għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 6(2), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2018/1240, u l-portal għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 2a, il-punt (h), tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>49</sup>.

*Emenda*

3. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament, ir-router għandu, sa fejn ikun teknikament possibbli, jaqsam u jerġa' juża l-komponenti tekniċi, inklużi l-komponenti tal-hardware u tas-software, tas-servizz tal-web imsemmi fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup>, il-portal għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 6(2), il-punt (k), tar-Regolament (UE) 2018/1240, u l-portal għall-operaturi msemmi fl-Artikolu 2a, il-punt (h), tar-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>49</sup>. ***L-eu-LISA għandha tfassal ir-router, sa fejn ikun possibbli mil-lat tekniku u operazzjonali, b'mod li jkun koerenti u konsistenti mal-obbligi imposti fuq l-operaturi tal-ajru mir-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru***

---

<sup>48</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

<sup>49</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

---

<sup>48</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata data dwar id-dħul u l-ħruġ u data dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kondizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011 (ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20).

<sup>49</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Infommazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' data bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir (Regolament VIS) (ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60).

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1– punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) fir-rigward tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API], ***meta d-data tal-API tkun relatata ma' titjiriet intra-UE oħrajn minbarra daww inklużi l-listi msemmijin fl-Artikolu 5(2) ta' dak ir-Regolament.***

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

*Emenda*

(b) fir-rigward tar-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API].



*Test propost mill-Kummissjoni*

Madankollu, jekk dawk ir-reġistri jkunu meħtieġa għal proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgurar tas-sigurtà u tal-integrità tad-data tal-API jew tal-legalità tal-operazzjonijiet ta' pproċessar, kif imsemmi fil-paragrafu 2, u dawn il-proċeduri diġà jkunu bdew fil-mument tal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-eu-LISA u l-operaturi tal-ajru jistgħu jżommu dawk ir-reġistri sakemm ikunu neċessarji għal dawk il-proċeduri. F'dak il-każ, għandhom iħassru dawk ir-reġistri minnufih meta ma jkunux għadhom neċessarji għal dawk il-proċeduri.

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 24 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Meta jitolbuha tagħmel dan, l-eu-LISA għandha ttipprovdi taħriġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri, lill-PIUs u lil awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri u lill-operaturi tal-ajru dwar l-użu tekniku tar-router.

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 25 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-kostijiet imġarrbin mill-eu-LISA fir-rigward tad-disinn, tal-iżvilupp, tal-hosting u tal-ġestjoni teknika tar-router

*Emenda*

Madankollu, jekk dawk ir-reġistri jkunu meħtieġa għal proċeduri għall-monitoraġġ jew għall-iżgurar tas-sigurtà u tal-integrità tad-data tal-API jew tal-legalità tal-operazzjonijiet ta' pproċessar, kif imsemmi fil-paragrafu 2, u dawn il-proċeduri diġà jkunu bdew fil-mument tal-iskadenza tal-perjodu ta' żmien imsemmi fl-ewwel subparagrafu, l-eu-LISA u l-operaturi tal-ajru jistgħu jżommu dawk ir-reġistri sakemm ikunu neċessarji għal dawk il-proċeduri **wara li jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan u jipprovdu ġustifikazzjoni għalih**. F'dak il-każ, għandhom iħassru dawk ir-reġistri minnufih meta ma jkunux għadhom neċessarji għal dawk il-proċeduri.

*Emenda*

1. Meta jitolbuha tagħmel dan, l-eu-LISA għandha ttipprovdi taħriġ lill-awtoritajiet kompetenti tal-fruntieri, lill-PIUs u lil awtoritajiet rilevanti oħrajn tal-Istati Membri u lill-operaturi tal-ajru dwar l-użu tekniku tar-router **u dwar il-konnessjoni u l-integrazzjoni mar-router**.

*Emenda*

1. Il-kostijiet imġarrbin mill-eu-LISA fir-rigward tad-disinn, tal-iżvilupp, tal-hosting u tal-ġestjoni teknika tar-router

skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API] għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

skont dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) [l-infurzar tal-liġi tal-API] għandhom jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

***Fid-dawl tal-interessi tal-Unjoni involuti, fir-rigward tar-responsabbiltajiet tagħha għat-tfassil, l-iżvilupp, l-ospitar u l-ġestjoni u l-manutenzjoni teknika tar-router, l-eu-LISA għandha tingħata r-riżorsi meħtieġa taħt il-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-leġiżlazzjoni applikabbli.***

## Emenda 25

### Proposta għal regolament Artikolu 28 – titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

L-użu volontarju tar-router b'applikazzjoni tad-***Direttiva 2004/81/KE***

*Emenda*

L-użu volontarju tar-router b'applikazzjoni tad-***Direttiva 2004/82/KE***

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 38 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Sa [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara din matul il-fażi tal-iżvilupp tar-router, l-eu-LISA għandha tipproduċi rapport, u tippreżentah rispettivament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tar-router. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrbin u dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali li jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 25.

*Emenda*

2. Sa [sena wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull sena wara din matul il-fażi tal-iżvilupp tar-router, l-eu-LISA għandha tipproduċi rapport, u tippreżentah rispettivament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar is-sitwazzjoni attwali tal-iżvilupp tar-router. Dak ir-rapport għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar il-kostijiet imġarrbin u dwar kwalunkwe riskju li jista' jkollu impatt fuq il-kostijiet ġenerali li jiġġarrbu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni f'konformità mal-Artikolu 25. ***Mid-data li fiha r-router jibda jopera u kull sena wara dan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-baġit taħt il-linja baġitarja tal-QFP 4.11.10.02 ("eu-LISA") ikoprix il-ħtiġijiet***

*meħtieġa għat-tfassil, l-iżvilupp, l-ospitar u l-ġestjoni teknika tajba tar-router u, jekk xieraq, tipproponi minnufih emendi għall-appropriazzjonijiet tal-baġit.*

## **Emenda 27**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 38 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(c a) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-esperjenza tal-ivvjaġġar ta' vjaġġaturi leġittimi.*

## **Emenda 28**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 38 – paragrafu 4 – punt cb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(cb) l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq il-kompetittività tas-settur tal-avjazzjoni u l-piż imġarrab min-negozji. Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jindirizza wkoll l-interazzjoni ta' dan ir-Regolament ma' atti leġislattivi rilevanti oħra tal-UE, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2017/2226, ir-Regolament (UE) 2018/1240 u r-Regolament (KE) Nru 767/2008, bil-ħsieb li jivvaluta l-impatt ġenerali tal-obbligi ta' rapportar relatati fuq it-trasportaturi tal-ajru, jidentifika d-dispożizzjonijiet li jistgħu jiġu aġġornati u ssimplifikati, fejn xieraq, biex jittaffa l-piż fuq it-trasportaturi tal-ajru, u jikkunsidra l-azzjonijiet u l-miżuri li jistgħu jittieħdu biex titnaqqas il-perssjoni tal-kostijiet totali fuq it-trasportaturi tal-ajru.*

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, emenda tar-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u tħassir tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0729 – C9-0428/2022 – 2022/0424(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 13.2.2023
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 13.2.2023
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Jan-Christoph Oetjen 22.2.2023
<b>Eżami fil-kumitat</b>	24.5.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.7.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 37 –: 0 0: 7
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Magdalena Adamowicz, Izaskun Bilbao Barandica, Karolin Braunsberger-Reinhold, Marco Campomenosi, Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Gheorghe Falcă, Carlo Fidanza, Mario Furore, Jens Gieseke, Elsi Katainen, Kateřina Konečná, Bogusław Liberadzki, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Tilly Metz, Cláudia Monteiro de Aguiar, Caroline Nagtegaal, Jan-Christoph Oetjen, Rovana Plumb, Bergur Løkke Rasmussen, Dominique Riquet, Thomas Rudner, Vera Tax, Barbara Thaler, István Ujhelyi, Achille Variati, Petar Vitanov, Lucia Vuolo
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Sara Cerdas, Josianne Cutajar, Michael Gahler, Maria Grapini, Georg Mayer, Ljudmila Novak, Annalisa Tardino
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Patricia Chagnon, Lena Düpont, Svenja Hahn, Denis Nesci, Christine Schneider, Veronika Vrecionová

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

37	+
ECR	Carlo Fidanza, Denis Nesci, Veronika Vrecionová
ID	Patricia Chagnon
NI	Mario Furore
PPE	Magdalena Adamowicz, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Gheorghe Falcă, Michael Gahler, Jens Gieseke, Benoît Lutgen, Marian-Jean Marinescu, Cláudia Monteiro de Aguiar, Ljudmila Novak, Christine Schneider, Barbara Thaler, Lucia Vuolo
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Svenja Hahn, Elsi Katainen, Jan-Christoph Oetjen, Dominique Riquet
S&D	Sara Cerdas, Maria Grapini, Bogusław Liberadzki, Rovana Plumb, Thomas Rudner, Vera Tax, István Ujhelyi, Achille Variati, Petar Vitanov
Verts/ALE	Ciarán Cuffe, Jakop G. Dalunde, Karima Delli, Anna Deparnay-Grunenberg, Tilly Metz

0	-

7	0
ID	Marco Campomenosi, Georg Mayer, Annalisa Tardino
Renew	Caroline Nagtegaal, Bergur Løkke Rasmussen
S&D	Josianne Cutajar
The Left	Kateřina Konečná

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE	
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0729 – C9-0428/2022 – 2022/0424(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	14.12.2022	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 13.2.2023	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 13.2.2023	TRAN 13.2.2023
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	BUDG 31.1.2023	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Jan-Christoph Oetjen 28.3.2023	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	2.3.2023	18.7.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.11.2023	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 50 - : 7 0 : 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Vladimír Bilčík, Malin Björk, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Annika Bruna, Damien Carême, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Ġuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Moritz Körner, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Pina Picerno, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Annalisa Tardino, Yana Toom, Milan Uhrík, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Daniel Freund, José Gusmão, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Matjaž Nemeč, Jan-Christoph Oetjen, Kostas Papadakis, Silvia Sardone, Paul Tang, Petar Vitanov, Axel Voss, Tomáš Zdechovský	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mathilde Androuët, Tom Berendsen, Jarosław Duda, Pär Holmgren, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Riho Terras	

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI

<b>Titolu</b>	Il-ġbir u t-trasferiment ta' informazzjoni bil-quddiem dwar il-passiġġieri (API) għat-titjib u għall-faċilitazzjoni tal-kontrolli fil-fruntieri esterni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/817 u r-Regolament (UE) 2018/1726, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 2004/82/KE	
<b>Referenzi</b>	COM(2022)0729 – C9-0428/2022 – 2022/0424(COD)	
<b>Data meta ġiet ippreżentata lill-PE</b>	14.12.2022	
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 13.2.2023	
<b>Kumitati mitluba jagħtu opinjoni</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 13.2.2023	TRAN 13.2.2023
<b>Opinjoni(jiet) mhux mogħtija</b> Data tad-deċiżjoni	BUDG 31.1.2023	
<b>Rapporteurs</b> Data tal-ħatra	Jan-Christoph Oetjen 28.3.2023	
<b>Eżami fil-kumitat</b>	2.3.2023	18.7.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	28.11.2023	
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+ : 50 - : 7 0 : 0	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Vladimír Bilčík, Malin Björk, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Patrick Breyer, Saskia Bricmont, Annika Bruna, Damien Carême, Clare Daly, Lena Düpont, Lucia Ġuriš Nicholsonová, Cornelia Ernst, Nicolaus Fest, Evin Incir, Sophia in 't Veld, Patryk Jaki, Marina Kaljurand, Assita Kanko, Fabienne Keller, Moritz Körner, Jeroen Lenaers, Juan Fernando López Aguilar, Nadine Morano, Javier Moreno Sánchez, Maite Pagazaurtundúa, Pina Picerno, Birgit Sippel, Vincenzo Sofo, Tineke Strik, Annalisa Tardino, Yana Toom, Milan Uhrík, Elena Yoncheva, Javier Zarzalejos	
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Daniel Freund, José Gusmão, Rasa Juknevičienė, Beata Kempa, Matjaž Nemeč, Jan-Christoph Oetjen, Kostas Papadakis, Silvia Sardone, Paul Tang, Petar Vitanov, Axel Voss, Tomáš Zdechovský	
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mathilde Androuët, Tom Berendsen, Jarosław Duda, Pär Holmgren, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Riho Terras	
<b>Data tat-tressiq</b>	7.12.2023	

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

50	+
ECR	Patryk Jaki, Assita Kanko, Beata Kempa, Vincenzo Sofo
ID	Mathilde Androuët, Annika Bruna, Nicolaus Fest, Silvia Sardone, Annalisa Tardino
PPE	Tom Berendsen, Vladimír Bilčík, Vasile Blaga, Karolin Braunsberger-Reinhold, Jarosław Duda, Lena Düpont, Rasa Juknevičienė, Andrey Kovatchev, Jeroen Lenaers, Antonius Manders, Nadine Morano, Riho Terras, Axel Voss, Javier Zarzalejos, Tomáš Zdechovský
Renew	Abir Al-Sahlani, Malik Azmani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sophia in 't Veld, Fabienne Keller, Moritz Körner, Jan-Christoph Oetjen, Maite Pagazaurtundúa, Yana Toom
S&D	Pietro Bartolo, Theresa Bielowski, Evin Incir, Marina Kaljurand, Juan Fernando López Aguilar, Javier Moreno Sánchez, Matjaž Nemeč, Pina Picierno, Birgit Sippel, Paul Tang, Petar Vitanov, Elena Yoncheva
Verts/ALE	Saskia Bricmont, Damien Carême, Daniel Freund, Pär Holmgren, Tineke Strik

7	-
NI	Kostas Papadakis, Milan Uhrík
The Left	Malin Björk, Clare Daly, Cornelia Ernst, José Gusmão
Verts/ALE	Patrick Breyer

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni